ITTRA ENĊIKLIKA

*LUMEN FIDEI*

**TAL-PAPA FRANĠISKU**

LILL-ISQFIJIET

IL-PRESBITERI U D-DJAKNI

LILL-PERSUNI KKONSAGRATI

U LIL-LAJĊI FIDILI KOLLHA

DWAR IL-FIDI

Copyright © 2013 - Libreria Editrice Vaticana
00120 Città del Vaticano

Traduzzjoni Maltija
Copyright © 2013 ĊAK

Traduzzjoni ta'

*P. Edmund Teuma OFMConv.*

ISBN: 978-99957-30-28-4

***Nihil Obstat quoad versionem***
die 20a iulii 2013
sac. Hector Scerri
Cens. theol.

***Imprimatur***
Datum die 22a iulii 2013
in Curia Archiep. li, Melit.,
Florianae,
+ Paulus Cremona OP
archipiscopus

Reliġjon u Ħajja
ĊAK, Triq S.Sommier, Birkirkara BKR4611
Tel: +356 21498343
E-mail: info@cakmalta.org
www.cakmalta.org

**1.** ID-DAWL TAL-FIDI: b'din l-espressjoni, it-tradizzjoni tal-Knisja fehmet turi d-don kbir li ġab Ġesù, li fil-Vanġelu ta' Ġwanni hekk jippreżenta ruħu: "Jiena huwa d-dawl li ġejt fid-dinja biex kull min jemmen fija ma jibqax fid-dlam" (Ġw 12: 46). Anki San Pawl fisser ruħu b'dan il-mod: "Dan Alla li qal: 'Ħa jiddi d-dawl mid-dlam,' dak hu li idda fi qlubna" (2 Kor 4: 6). Fid-dinja pagana, imġewħa għad-dawl, kien qam il-kult ta' alla Xemx, *Sol invictus*, li kuljum kienu jitolbuha fi tlugħha. Anki jekk ix-xemx kienet terġa' titwieled kuljum, kien mifhum li hi ma kellhiex ħila li tixħet id-dawl tagħha fuq l-eżistenza sħiħa tal-bniedem. Ix-xemx, infatti ma ddawwalx kollox; ir-raġġi tagħha ma jistgħux jaslu sa dell il-mewt, hemm fejn għajn il-bniedem tingħalaq għad-dawl tagħha. "Għall-fidi tiegħu fix-xemx," jgħid San Ġustinu Martri, "qatt ma rajna 'l ħadd lest li jmut."[1] Filwaqt li għarfu x-xefaq kbir li l-fidi fetħitilhom, l-Insara sejħu lil Kristu x-xemx vera, "li r-raġġi tagħha jagħtu l-ħajja."[2] Lil Marta tibki l-mewt ta' ħuha Lazzru, Ġesù jgħidilha: "Ma għidtlekx li jekk inti temmen, tara l-glorja ta' Alla?" (Ġw 11: 40). Min jemmen, jara; jara b'dawl li jdawwal il-mixja kollha tat-triq, għax dan jiġi għandna mingħand Kristu Rxoxt, il-kewkba ta' filgħodu li qatt ma tinżel.

*Dawl qarrieq?*

**2.** B'danakollu, meta nsemmu dan id-dawl tal-fidi, nistgħu nisimgħu l-oġġezzjoni ta' bosta minn dawk li jgħixu fi żmienna. Fl-epoka moderna ħasbu li dan id-dawl seta' kien tajjeb għas-soċjetajiet tal-qedem, iżda għaż-żminijiet il-ġodda, għall-bniedem li issa kien sar adult, li jiftaħar bir-raġuni li għandu, xewqan li jikxef b'mod ġdid il-ġejjieni, dan ma jiswa xejn. F'dan is-sens, il-fidi dehret bħala dawl qarrieq, li ma kienx iħalli lill-bniedem jikkultiva t-taħbit għall-għarfien. Iż-żagħżugħ Nietzsche stieden lil oħtu Elisabeth tirriskja billi tgħaddi minn "toroq ġodda..., fl-inċertezza tal-mixi 'l quddiem bla rbit." U żied: "F'dal-punt jinfirdu t-toroq tal-umanità: jekk trid ikollok il-paċi tar-ruħ u l-hena, ħa jkollok il-fidi, iżda jekk trid tkun dixxiplu tal-verità, fittex."[3] It-twemmin qiegħed f'oppożizzjoni mat-tiftix. Minn hawn, Nietzsche telaq għall-kritika tiegħu tal-Kristjaneżmu għax ċekken l-importanza tal-eżistenza umana, billi neħħa mill-ħajja n-novità u l-avventura. Il-fidi għalhekk tkun bħal illużjoni ta' dawl li jfixkel il-mixi tagħna bħala bnedmin ħielsa lejn il-ġejjieni.

---

[1] *Dialogus cum Tryphone Iudaeo*, 121, 2: PG 6, 758.
[2] KLEMENT TA' LIXANDRA, *Protrepticus*, IX: PG 8, 195.
[3] *Brief an Elisabeth Nietzsche* (11 ta' Ġunju 1865), f'*Werke in drei Bänden*, 1954, München, 953s.

**3.** F'dal-proċess, il-fidi spiċċat biex tissieħeb mad-dlam. Beda jinħaseb kif sa tinżamm, li jinstabilha spazju biex tgħix mad-dawl tar-raġuni. L-ispazju għall-fidi nfetaħ hemm fejn ir-raġuni ma setgħetx iddawwal, hemm fejn il-bniedem ma setax ikollu ċertezzi. Il-fidi dak iż-żmien kienu jarawha bħala qabża fil-vojt li nagħmluha b'nuqqas ta' dawl, immexxijin minn sentiment agħma; jew bħala dawl suġġettiv, li jista' forsi jsaħħan il-qalb, joħloq faraġ privat, iżda ma jkunx jista' jkun propost lill-oħrajn bħala dawl oġġettiv u komuni biex jiċċara l-mixi. Bil-mod il-mod, iżda, beda jidher li d-dawl tar-raġuni ħielsa ma jseħħlux idawwal il-ġejjieni biżżejjed; fl-aħħar hu jibqa' fid-dalma tiegħu u jħalli lill-bniedem fil-biża' ta' dak li mhux magħruf. U hekk il-bniedem ma baqax ifittex dawl kbir, verità kbira, biex jikkuntenta ruħu bid-dwal ċkejknin li jdawlu għal waqt qasir, iżda ma jistgħux jiftħu t-triq. Meta jonqos id-dawl, kollox jitħawwad, ma nkunux nistgħu nagħżlu t-tajjeb mill-ħażin, it-triq li twassal sal-quċċata minn dik li tmexxina fi ċrieki ripetittivi, bla direzzjoni.

*Dawl li jrid jerġa' jinkixef*

**4.** Għalhekk jeħtieġ li malajr nirkupraw il-karattru tad-dawl proprju tal-fidi, għaliex meta l-fjamma tiegħu tintefa, id-dwal l-oħra wkoll jitilfu s-saħħa tagħhom. Id-dawl tal-fidi, infatti, għandu karattru waħdieni, billi għandu l-ħila jdawwal l-eżistenza *kollha* tal-bniedem. Biex dawl ikun daqshekk b'saħħtu, ma jistax jiġi mingħandna stess, irid jiġi minn għajn aktar oriġinarja, fl-aħħar mill-aħħar irid jiġi minn Alla. Il-fidi titwieled mil-laqgħa ma' Alla l-ħaj, li jsejħilna u jurina mħabbtu, imħabba li timxi qabilna u li fuqha aħna nistgħu nserrħu biex inkunu sodi u nibnu l-ħajja. Mibdulin b'din l-imħabba, nirċievu għajnejn ġodda, inħossu li fiha hemm wegħda kbira ta' sħuħija li tiftħilna l-ħarsa tal-ġejjieni. Il-fidi, li neħduha mingħand Alla bħala don soprannaturali, tidher bħal dawl għat-triq, dawl li jagħti direzzjoni mixjitna fiż-żmien. Minn naħa, hi tiġi mill-imgħoddi, hi d-dawl ta' tifkira fondanti, dik tal-ħajja ta' Ġesù, fejn dehret imħabbtu kollha kemm hi affidabbli, kapaċi tirbaħ lill-mewt. Fl-istess ħin, iżda, billi Kristu qam u jiġbidna lil hinn mill-mewt, il-fidi hija dawl li jiġi mill-ġejjieni, li jiftħilna quddiemna orizzonti kbar, u jeħodna lil hinn mill-"jien" tagħna maqtugħ mill-wisa' tal-komunjoni. Imbagħad nifhmu li l-fidi ma tgħammarx fid-dlam; hi dawl għal dlamijietna. Dante, fid-"Divina Commedia", wara li stqarr twemminu quddiem San Pietru, iħares lejn dak id-dawl bħala "ilsien, / li jitwessa' fi fjamma ħajja / u bħal kewkba fis-sema tiddi fija."[4] Hu sewwasew dwar dan id-dawl tal-fidi li rrid nitkellem, biex jikber u jdawwal iż-żmien ta' issa sa ma jsir kewkba li turi l-orizzonti ta' mixjitna, fi żmien li fih il-bniedem jeħtieġ aktar minn qatt qabel id-dawl.

[4] Paradiso XXIV, 145-147.

**5.** Il-Mulej, qabel il-passjoni tiegħu, serraħ moħħ Pietru: "Jiena tlabt għalik, biex il-fidi tiegħek ma tiġix nieqsa" (Lq 22: 32). Imbagħad talbu biex "iwettaq lil ħutu" f'dik l-istess fidi. Huwa u jagħraf il-ħidma li tħalliet f'idejn is-Suċċessur ta' Pietru, Benedittu XVI ried iniedi din is-*Sena tal-Fidi*, żmien ta' grazzja li qiegħed jgħinna nħossu l-ferħ kbir li nemmnu, li nġeddu l-istagħġib tagħna quddiem il-wisa' tax-xefaq li l-fidi tiftaħ, biex nistqarruha fl-unità u s-sħuħija tagħha, fidili lejn it-tifkira tal-Mulej, imsaħħin bil-preżenza tiegħu u bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu. Il-konvinzjoni ta' fidi li tkabbar il-ħajja u tagħmilha sħiħa, iċċentrata fuq Kristu u fuq il-qawwa tal-grazzja tiegħu, kienet tagħti r-ruħ lill-missjoni tal-ewwel Insara. Fl-Atti tal-martri naqraw dan id-djalogu bejn il-prefett Ruman Rustiku u n-Nisrani Ġeraċi: "Fejn huma l-ġenituri tiegħek?" staqsa l-imħallef lill-martri, u dak wieġbu: "Il-missier veru tagħna hu Kristu, u ommna l-fidi fih."[5] Għal dawk l-Insara l-fidi, bħala laqgħa ma' Alla l-ħaj li deher fi Kristu, kienet "omm", għaliex ħarġithom għad-dawl, nisslet fihom il-ħajja divina, esperjenza ġdida, viżjoni mudwala tal-eżistenza li biha kienu lesti biex jagħtu xhieda pubblika sal-aħħar.

**6.** Is-*Sena tal-fidi* bdiet f'għeluq il-50 sena mill-bidu tal-Konċilju Vatikan II. Din il-koinċidenza turina li l-Vatikan II kien Konċilju dwar il-fidi,[6] għaliex stedinna nqiegħdu fiċ-ċentru tal-ħajja ekkleżjali u personali tagħna l-primat ta' Alla fi Kristu. Il-Knisja, infatti, ma tistenniex li jkun hemm il-fidi bħala fatt skuntat, imma taf li dan id-don ta' Alla irid ikun mantnut u mqawwi, biex jissokta jmexxiha fi triqitha. Il-Konċilju Vatikan II ġiegħel il-fidi tiddi fil-ġewwieni tal-esperjenza tal-bniedem, filwaqt li b'hekk mexa mal-bniedem fil-vjaġġ ta' żmienna. B'dan il-mod deher kif il-fidi tagħni l-eżistenza umana fid-dimensjonijiet kollha tagħha.

**7.** Dawn il-ħsibijiet fuq il-fidi – f'rabta ma' dak kollu li l-Maġisteru tal-Knisja qal dwar din il-virtù teologali[7] – iridu jingħaqdu ma dak li kiteb Benedittu XVI fl-Ittri Enċikliki fuq l-imħabba u fuq it-tama. Hu kien diġà kważi temm l-ewwel abbozz tal-Ittra Enċiklika fuq il-fidi. Jiena nħossni profondament grat, u fil-għaqda tal-aħwa fi Kristu, qiegħed nieħu mix-xogħol prezzjuż tiegħu, filwaqt li nżid mat-test xi ħwejjeġ oħra. Is-Suċċessur ta' Pietru, ilbieraħ, illum u għada, hu dejjem imsejjaħ biex "iwettaq lill-aħwa" f'dak it-teżor ta' siwi bla qjies tal-fidi li Alla jagħti bħala dawl fit-triq ta' kull bniedem.

Fil-fidi, don ta' Alla, virtù soprannaturali infuża minnu, aħna nagħrfu li ngħatat imħabba

---

[5] *Acta Sanctorum*, Iunii, I, 21.

[6] "Jekk il-Konċilju ma jitkellimx espressament fuq il-fidi, fuqha jitkellem f'kull paġna, jagħraf il-karattru tagħha vitali u soprannaturali, jaraha sħiħa u qawwija, u jibni fuqha t-tagħlim tiegħu. Biżżejjed infakkru l-istqarrijiet konċiljari [...] biex nifhmu l-importanza essenzjali li l-Konċilju, koerenti mat-tradizzjoni duttrinali tal-Knisja, jagħti lill-fidi, lill-fidi vera, dik li għandha 'l Kristu bħala għajn tagħha u l-maġisteru tal-Knisja bħala kanal" (Pawlu VI, *Udienze generali* [8 marzo 1967]; *Insegnamenti* V [1967], 705).

[7] Ara ngħidu aħna Konċ. Ekum. Vat. I, Kostituzzjoni dogmatika fuq il-fidi Kattolika *Dei Filius*, kap. III: DS 3008-3020; Konċ. Ekum. Vat. II, Kostituzzjoni dogmatika dwar ir-Rivelazzjoni divina *Dei Verbum*, 5; *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 153-165.

kbira, li ntqalet kelma tajba, u li aħna u nilqgħu din il-kelma, li hi Ġesù Kristu, il-Kelma magħmula bniedem, l-Ispirtu s-Santu jbiddilna, idawwal il-mixja tal-ġejjieni, u jkabbar fina l-ġwienaħ tat-tama biex nimxuha bil-ferħ. Fidi, tama u mħabba jsawru, f'għaqda tal-għaġeb bejniethom, id-dinamiżmu tal-eżistenza Nisranija lejn l-għaqda sħiħa ma' Alla. Kif inhi dit-triq li l-fidi tiftaħ quddiemna? Mnejn jiġi d-dawl qawwi tagħha li jdawwal il-mixja ta' ħajja għammiela li tirnexxi, mimlija bil-frott?

# AĦNA EMMINNA FL-IMĦABBA
(ara 1 Ġw 4: 16)

*Abraham, missierna fil-fidi*

**8.** Il-fidi tiftħilna t-triq u ssieħeb mixjitna fl-istorja. Hu għalhekk li, jekk irridu nifhmu x'inhi l-fidi, għandna nirrakkuntaw il-mixja tagħha, it-triq tan-nies li jemmnu, kif insibuha l-ewwel nett fit-Testment il-Qadim. Post singulari għandu Abraham, missierna fil-fidi. F'ħajtu seħħ fatt tal-għaġeb: Alla kellmu, wera ruħu bħala Alla li jitkellem u jsejjaħlu b'ismu. Il-fidi hija marbuta mas-smigħ. Abraham lil Alla ma rahx, imma sema' leħnu. B'dan il-mod il-fidi tieħu karattru personali. B'hekk Alla jidher mhux alla ta' post, lanqas alla marbut ma' żmien qaddis speċifiku, imma Alla ta' persuna, Alla ta' Abraham, Iżakk u Ġakobb, li jaf jidħol f'kuntatt mal-bniedem u jwaqqaf patt miegħu. Il-fidi hija t-tweġiba għal Kelma li ssejjaħ personalment, għal xi ħadd li jsejħilna b'isimna.

**9.** Dak li dil-kelma tgħid lil Abraham jikkonsisti f'sejħa u f'wegħda. Hi l-ewwel u qabel xejn sejħa biex joħroġ minn artu, stedina biex jinfetaħ għal ħajja ġdida, bidu ta' eżodu li jixħtu f'mixja lejn ġejjieni mhux mistenni. Il-viżjoni li l-fidi tagħti lil Abraham sa tkun dejjem marbuta ma' dal-pass 'il quddiem li kellu jagħmel: il-fidi "tara" fil-mod kif jimxi, fil-mod kif jidħol fl-ispazju miftuħ tal-kelma ta' Alla. Din il-kelma, barra minn dan, fiha wegħda: in-nisel tiegħek jitkattar, int sa tkun missier ta' poplu kbir (ara Ġen 13: 16; 15: 5; 22: 17). Hu minnu li, bħala tweġiba għal Kelma li ġiet qabel, il-fidi ta' Abraham sa tkun dejjem att ta' tifkira. B'danakollu din it-tifkira, li ma tħarisx lejn l-imgħoddi għax hi tifkira ta' wegħda, issir kapaċi li tiftaħ lejn il-ġejjieni, li ddawwal il-mixja tul it-triq. Hekk naraw kif il-fidi, bħala tifkira tal-ġejjieni, *memoria futuri*, hi marbuta sfiq mat-tama.

**10.** Dak li jintalab minn Abraham hu li jafda f'din il-kelma. Il-fidi tifhem li l-kelma, realtà li minn barra tidher li tgħaddi u tintemm, meta jlissinha Alla l-fidil issir l-aktar ħaġa żgura u b'saħħitha li tista' teżisti, issir dik li biha nistgħu nissoktaw il-mixja tagħna fiż-żmien. Il-fidi tilqa' din il-kelma bħala blata żgura li fuqha wieħed jista' jibni s-sisien sodi tat-triq li fuqha nistgħu nivvjaġġaw. Għalhekk fil-Bibbja l-fidi tissejjaħ bil-kelma Lhudija *'emûnah*, imnissla mill-verb *'amàn*, li l-għerq tiegħu jfisser "sostna". Il-kelma *'emûnah* tista' tfisser kemm il-fedeltà ta' Alla, u kemm il-fidi tal-bniedem. Il-bniedem li jemmen jieħu l-qawwa tiegħu meta jerħi ruħu f'idejn Alla l-fidil. Huwa u jilgħab biż-żewġ tifsiriet tal-kelma – li jinsabu wkoll fil-Grieg (*pistós*) u fil-Latin (*fidelis*) – San Ċirillu ta' Ġerusalemm jgħolli d-dinjità tan-

Nisrani, li jingħata l-istess isem ta' Alla: it-tnejn imsejħin "fidili".[8] Santu Wistin ifisser hekk: "Il-bniedem il-fidil huwa dak li jemmen f'Alla li jwiegħed; Alla l-fidil huwa dak li jagħti dak li wiegħed lill-bniedem."[9]

**11.** Aspett tal-aħħar fil-ġrajja ta' Abraham hu importanti biex nifhmu l-fidi tiegħu. Il-kelma ta' Alla, anki jekk magħha ġġib il-ġdid u toħloq sorpriża, mhi xejn barranija għall-esperjenza tal-Patrijarka. Fil-leħen li jsejjaħ lil Abraham, hu jagħraf sejħa profonda, miktuba minn dejjem fil-qalba tal-esseri tiegħu (kewnu). Alla jorbot il-wegħda tiegħu ma' dak il-"post" li fih l-eżistenza tal-bniedem tidher "dejjem promettenti": il-paternità, it-tnissil ta' ħajja ġdida – "Sara, martek, tilidlek iben u ssemmih Iżakk" (Ġen 17: 19). Alla li jitlob 'l Abraham jafda fih għalkollox juri ruħu bħala l-għajn li minnha tiġi kull ħajja. B'dan il-mod il-fidi tintrabat mal-paternità ta' Alla, li minnha joħroġ il-ħolqien: Alla li jsejjaħ lil Abraham hu Alla ħallieq, hu dak li "jsejjaħ fl-eżistenza lil dak li ma jeżistix" (Rum 4: 17). Dak li "għażilna fih, sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja... Iddestinana minn qabel li nkunu għalih ulied adottivi" (Ef 1: 4-5). Għal Abraham il-fidi f'Alla ddawwal l-aktar għeruq fondi tal-esseri tiegħu (kewnu), tħallih jagħraf in-nixxiegħa ta' tjieba li tinsab fil-bidu ta' kull ħaġa, u jwettaq il-fatt li ħajtu ma tiġix mix-xejn minn kumbinazzjoni, iżda minn sejħa u minn imħabba personali. Alla, il-misterjuż li sejjaħlu mhuwiex Alla barrani, iżda dak li hu l-bidu ta' kollox u jżomm kollox. It-tiġrib il-kbir tal-fidi ta' Abraham, is-sagrifiċċju ta' ibnu Iżakk, juri sa fejn din l-imħabba li hi l-bidu hi kapaċi tiggarantixxi l-ħajja anki lil hinn mill-mewt. Il-kelma li kellha l-ħila tqajjem iben f'ġismu "għoddu mejjet" u "f'ħalq il-mewt" ta' Sara mara ħawlija (ara Rum 4: 19), għandha wkoll il-ħila tiggarantixxi l-wegħda ta' ġejjieni lil hinn minn kull theddida jew periklu (ara Lhud 11: 19; Rum 4: 21).

*Il-fidi ta' Israel*

**12.** L-istorja tal-poplu ta' Israel, fil-Ktieb tal-Eżodu, timxi fuq il-passi tal-fidi ta' Abraham. Il-fidi titwieled mill-ġdid minn don tal-bidu: Israel jintefaħ għall-azzjoni ta' Alla li jrid jeħilsu mill-miżerja tiegħu. Il-fidi hija sejħa għal mixja twila biex ikunu jistgħu jqimu lill-Mulej fuq is-Sinaj u jirtu l-art imwiegħda. L-imħabba ta' Alla għandha fiha l-istil tal-missier li jieħu lil ibnu f'mixja (ara Dewt 1: 31). L-istqarrija tal-fidi ta' Israel tiżviluppa bħala rakkont tal-għemejjel kollha tjieba ta' Alla biex jeħles u jmexxi l-poplu (ara Dewt 26: 5-11), hu rakkont li l-poplu jgħaddi minn nisel għal ieħor. Id-dawl ta' Alla jiddi għal Israel permezz tat-tifkira tal-għemejjel kbar tal-Mulej, imfakkra u mistqarra fil-kult, mgħoddija mill-ġenituri għal

[8] Ara *Catechesis* V, 1: *PG* 33, 505A.
[9] *In Psal.* 32, II, s. I, 9: *PL* 36, 284.

uliedhom. Hekk nitgħallmu li d-dawl li jiġi mill-fidi hu marbut mar-rakkont konkret tal-ħajja, mat-tifkira grata tal-għemejjel kbar ta' Alla u mas-seħħ progressiv tal-wegħdiet tiegħu. L-arkitettura Gotika dan fissritu tajjeb ħafna: fil-Katidrali l-kbar id-dawl jasal mis-sema permezz ta' vetrati fejn hija murija l-istorja tas-salvazzjoni. Id-dawl ta' Alla jiġina mir-rakkont tar-rivelazzjoni tiegħu nnifsu, u hekk għandu l-ħila li jdawwal mixjitna fiż-żmien, huwa u jfakkar fid-doni ta' Alla, u juri kif jitwettqu l-wegħdiet tiegħu.

**13.** L-istorja ta' Israel terġa' turina t-tiġrib tan-nuqqas ta' twemmin li fih il-poplu waqa' ħafna drabi. Il-maqlub tal-fidi hawn jidher bħala idolatrija. Waqt li Mosè kien qed jitkellem ma' Alla fuq is-Sinaj, il-poplu ma ġerragħx il-misteru tal-wiċċ moħbi ta' Alla, ma ġerragħx iż-żmien tal-istennija. Il-fidi min-natura tagħha titlob li wieħed jiċċaħħad mill-pussess immedjat li l-viżjoni donnha toffri, hija stedina għall-ftuħ lejn l-għajn tad-dawl, u għar-rispett tal-misteru ta' Wiċċ li jrid juri ruħu b'mod personali u fil-ħin opportun. Martin Buber ikkwota din id-definizzjoni ta' idolatrija mogħtija mir-rabbi ta' Kock: ikun hemm idolatrija "meta wiċċ idur b'qima lejn wiċċ li mhux wiċċ."[10] Minflok temmen f'Alla tagħżel li tqim l-idolu, li wiċċu tista' ssawru, li l-bidu tiegħu magħruf għax għamilnieh aħna. Quddiem l-idolu wieħed ma jirriskjax li ssirlu sejħa li toħorġu mis-sikurezzi tiegħu, għaliex l-idoli "għandhom il-fomm u ma jitkellmux" (S 115: 5). Nifhmu mela li l-idolu huwa skuża biex inqiegħdu lilna nfusna fiċ-ċentru tar-realtà, u naduraw l-opra ta' idejna. Il-bniedem meta jitlef id-direzzjoni fundamentali li tgħaqqadlu l-eżistenza tiegħu, jintilef fil-kotra ta' xewqatu; meta jiċħad li jistenna żmien il-wegħda, jinqasam fl-elf waqt tal-istorja tiegħu. Għalhekk l-idolatrija hi dejjem politeiżmu, vjaġġ bla għan minn mulej għal ieħor. L-idolatrija ma tagħtix mixja waħda, imma kotra ta' trejqiet, li ma jwasslux għal għan ċert u aktarx jiffurmaw labirint. Min ma jintelaqx f'idejn Alla jkollu jisma' l-leħen ta' ħafna idoli li jgħajtulu: "Afda fija!" Il-fidi bħala virtù marbuta mal-indiema, hi bil-maqlub tal-idolatrija; hi firda mill-idoli biex wieħed jerġa' lejn Alla l-ħaj, permezz ta' laqgħa personali. Temmen ifisser tafda f'imħabba ħanina li dejjem tilqa' u taħfer, li tmantni u tagħti direzzjoni lill-eżistenza, li turi ruħha qawwija fil-ħila tagħha li tiddritta t-tagħwiġ tal-istorja tagħna. Il-fidi hi disponibbiltà li wieħed iħalli lilu nnifsu jinbidel dejjem mill-ġdid bis-sejħa ta' Alla. Hawn hu l-paradoss: fid-dawrien bla waqfien lejn il-Mulej, il-bniedem isib triq stabbli li teħilsu mill-vjaġġ bla għan li għalih iwassluh l-idoli biex itellfuh it-triq.

**14.** Fil-fidi ta' Israel nilmħu wkoll il-figura ta' Mosè, il-medjatur. Il-poplu ma jistax jara l-wiċċ ta' Alla; hu Mosè li jitkellem ma' JĦWH fuq il-muntanja u jwassal lil kulħadd ir-rieda tal-Mulej. B'din il-preżenza tal-medjatur, Israel tgħallem jimxi magħqud flimkien. L-att ta' fidi tal-individwu jidħol f'komunità, fl-"aħna" komuni tal-poplu, li fil-fidi, hu bħal bniedem

[10] M. Buber, *Die Erzählungen der Chassidim*, Zürich 1949, 793.

wieħed, "ibni l-kbir", bħalma sejjaħ Alla lil Israel kollu (ara Eż 4: 22). Il-medjazzjoni hawn ma ssirx xkiel, iżda ftuħ: fil-laqgħa mal-oħrajn il-ħarsa tinfetaħ lejn verità akbar minna. J. J. Rousseau kien igerger għax ma jistax jara lil Alla personalment: "Kemm hemm nies bejn Alla u bejni!";[11] "Hi ħaġa daqshekk sempliċi u naturali li Alla jmur għand Mosè biex ikellem lil Jean-Jacques Rousseau?"[12] Jekk nitilqu minn kunċett individwalista u limitat tal-għarfien, ma nifhmux is-sens tal-medjazzjoni, din il-kapaċità li tieħu sehem fil-viżjoni tal-ieħor, għarfien maqsum li hu l-għarfien sewwasew tal-imħabba. Il-fidi hi don mogħti b'xejn minn Alla li jitlob l-umiltà u l-kuraġġ li wieħed jintelaq u jintreħa, biex jgħix il-mixja mudwala tal-laqgħa bejn Alla u l-bnedmin, l-istorja tas-salvazzjoni.

*Il-milja tal-fidi Nisranija*

**15.** "Abraham qabeż bil-ferħ għall-ħsieb li kien sa jara l-jum tiegħi, u rah u feraħ" (Ġw 8: 56). Skont dan il-kliem ta' Ġesù, il-fidi ta' Abraham kienet orjentata lejh, kienet, f'ċertu sens, dehra murija minn qabel tal-misteru tiegħu. Hekk jifhem Santu Wistin, meta jgħid li l-Patrijarki salvaw bil-fidi, mhux fidi fi Kristu li diġà ġie, iżda fidi fi Kristu li kellu jiġi, fidi tħares lejn il-miġja ta' Ġesù li kellha sseħħ fil-ġejjieni.[13] Il-fidi Nisranija hija ċċentrata fi Kristu, hi stqarrija li Ġesù hu l-Mulej u li Alla qajmu mill-imwiet (ara Rum 10: 9). Il-kitbiet kollha tat-Testment il-Qadim jinġabru fi Kristu, hu jsir l-"iva" definittiva għall-wegħdiet kollha, is-sies tal-"Ammen" aħħari tagħna lil Alla (ara 2 Kor 1: 20). L-istorja ta' Ġesù hija wirja sħiħa tal-affidabbiltà ta' Alla. Jekk Israel kien ifakkar l-atti l-kbar tal-imħabba ta' Alla, li kienu jsawru ċ-ċentru tal-istqarrija tiegħu u jiftħu l-ħarsa tal-fidi tiegħu, issa l-ħajja ta' Ġesù tidher bħala l-post tal-intervent definittiv ta' Alla, l-ogħla wirja ta' mħabbtu għalina. Dak li Alla jgħidilna f'Ġesù mhuwiex kelma oħra fost ħafna oħrajn, iżda l-Kelma eterna (ara Lhud 1: 1-2). Mhemmx garanzija akbar li Alla jista' jagħti biex iserrħilna rasna minn imħabbtu, kif ifakkarna San Pawl (ara Rum 8: 31-39). Il-fidi Nisranija mela hija fidi fl-Imħabba sħiħa, fis-setgħa tagħha effikaċi, fil-ħila tagħha li tbiddel id-dinja u ddawwal iż-żmien. "Aħna għarafna l-imħabba li Alla għandu għalina u emminnieha" (1 Ġw 4: 16). Il-fidi tagħraf fl-imħabba ta' Alla murija f'Ġesù s-sies li fuqu tistrieħ ir-realtà u d-destinazzjoni aħħarija tiegħu.

**16.** L-akbar prova tal-affidabbiltà tal-imħabba ta' Kristu tinsab fil-mewt tiegħu għall-bniedem. Jekk l-għotja tal-ħajja għall-ħbieb hi l-akbar prova ta' mħabba (ara Ġw 15: 13), Ġesù offra ħajtu għal kulħadd, anki għal dawk li kienu għedewwa, biex ibiddel il-qalb tagħhom. Dan hu

[11] *Émile*, Paris 1966, 387.
[12] *Lettre à Christophe de Beaumont*, Lausanne 1993, 110.
[13] Ara *In Ioh. Evang.*, 45, 9: *PL* 35, 1722-1723.

għaliex l-Evanġelisti qiegħdu fis-siegħa tas-Salib l-aqwa waqt tal-ħarsa tal-fidi, għaliex f'dik is-siegħa jiddi l-għoli u l-wisa' tal-imħabba ta' Alla. San Ġwann qegħedha hawn ix-xhieda solenni tiegħu, meta flimkien ma' Omm Ġesù, ħares lejn dak li nifdu (ara Ġw 19: 37): "Dan qiegħed jixhdu min ra b'għajnejh, u x-xhieda tiegħu hija minnha. Hu jaf li qiegħed jgħid il-verità, biex intom ukoll temmnu" (Ġw 19: 35). F. M. Dostoevskij, fix-xogħol tiegħu bit-titlu *L-Idjota*, iġiegħel lill-protagonista, il-prinċep Myskin, quddiem il-kwadru ta' Kristu mejjet fil-qabar, xogħol ta' Hans Holbein iż-Żgħir, jgħid: "Dak il-kwadru jista' wkoll itellef il-fidi lil xi ħadd."[14] Il-pittura infatti tirrappreżenta, b'mod aħrax ħafna, l-effetti distruttivi tal-mewt fuq il-ġisem ta' Kristu. U b'danakollu, hu sewwasew fil-kontemplazzjoni tal-mewt ta' Ġesù li l-fidi titqawwa u tirċievi dawl jiddi, meta hi tidher bħala fidi f'imħabbtu qatt nieqsa għalina, li għandha l-ħila tidħol fil-mewt biex issalvana. F'din l-imħabba, li ma ħarbitx mill-mewt biex turi kemm tħobbni, nista' nemmen; is-sħuħija tagħha tirbaħ kull suspett u tħallina nafdaw fi Kristu bis-sħiħ.

**17.** Issa, il-mewt ta' Kristu tikxef l-affidabbiltà sħiħa tal-imħabba ta' Alla fid-dawl tal-Qawmien miegħu. Bħala rxoxt, Kristu huwa xhud li tista' tafdah, li tistħoqqlu l-fidi (ara Apk 1:5; Lhud 2: 17), appoġġ sod għall-fidi tagħna. "Jekk Kristu ma kienx imqajjem, fiergħa l-fidi tagħkom," jgħid San Pawl (1 Kor 15: 17). Jekk l-imħabba tal-Missier ma qajmitx lil Ġesù mill-mewt, kieku ma setax jerġa' jagħti l-ħajja lil ġismu, dik ma kinitx tkun imħabba affidabbli bis-sħiħ, bil-ħila li ddawwal saħansitra d-dlamijiet tal-mewt. Meta San Pawl jitkellem fuq il-ħajja l-ġdida tiegħu fi Kristu, hu jsemmi l-"fidi fl-Iben ta' Alla, li ħabbni u ta lilu nnifsu għalija" (Gal 2: 20). Din il-"fidi fl-Iben ta' Alla" hi żgur il-fidi tal-Appostlu tal-ġnus f'Ġesù, iżda jissoponi wkoll l-affidabbiltà ta' Ġesù, li tingħaqad, iva, ma' mħabbtu sal-mewt, imma wkoll mal-fatt li hu l-Iben ta' Alla. Sewwasew għaliex Ġesù hu l-Iben, għaliex hu magħqud b'mod assolut fil-Missier, seta' jirbaħ lill-mewt biex iġiegħel il-ħajja tiddi fis-sħuħija tagħha. Il-kultura tagħna tilfet il-perċezzjoni ta' din il-preżenza konkreta ta' Alla, tal-ħidma tiegħu fid-dinja. Naħsbu li Alla jinsab biss fid-dinja l-oħra, f'livell ieħor ta' realtà, mifrud mir-rapporti konkreti tagħna. Iżda jekk inhu hekk, jekk Alla ma jistax jaġixxi fid-dinja, imħabbtu ma tkunx tabilħaqq setgħana, tabilħaqq reali, u għalhekk lanqas ma tkun tabilħaqq imħabba, bil-ħila li ġġib dak l-hena li twiegħed. Temmen u ma temminx fih ikun imbagħad xorta waħda. Iżda l-Insara jistqarru l-imħabba konkreta u setgħana ta' Alla, li jaħdem tabilħaqq fl-istorja u jsawrilha d-destin aħħari, imħabba li aħna nistgħu niltaqgħu magħha, li dehret fil-milja tagħha fil-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien ta' Kristu.

**18.** Il-milja li biha Ġesù jġib il-fidi għandha aspett ieħor deċiżiv. Fil-fidi, Kristu mhuwiex biss dak li fih nemmnu, l-akbar wirja tal-imħabba ta' Alla, imma dak ukoll li miegħu

[14] Parti II, IV.

ningħaqdu biex inkunu nistgħu nemmnu. Il-fidi ma tħarisx biss lejn Ġesù, iżda tħares bil-mod kif jaħsibha Ġesù, tħares minn għajnejh: hi taqsam miegħu l-mod kif jara. F'ħafna oqsma tal-ħajja aħna nafdaw f'nies oħrajn li jafu aktar minna. Għandna fiduċja fil-perit li jibnielna d-dar, fl-ispiżjar li jagħtina l-mediċina biex infiqu, fl-avukat li jiddefendina fil-qorti. Għandna bżonn ukoll ta' xi ħadd li nistgħu nafdaw fih u li jifhem fil-ħwejjeġ ta' Alla. Ġesù, Ibnu, jiġi quddiemna bħala dak li jfissrilna lil Alla (ara Ġw 1: 18). Il-ħajja ta' Kristu – il-mod kif hu jagħraf il-Missier, kif jgħix b'mod sħiħ ir-rabta miegħu – tiftaħ spazju ġdid għall-esperjenza tal-bniedem u aħna nistgħu nidħlu fiha. San Ġwann fisser l-importanza tar-rabta personali ma' Ġesù għall-fidi tagħna permezz tal-użu varju tal-verb *emmen*. Flimkien ma' "nemmnu li" hu minnu dak li Ġesù jgħidilna (ara Ġw 14: 10; 20: 31), Ġwanni jinqeda wkoll bil-frażi "nemmnu lil" Ġesù u "nemmnu f'"Ġesù. "Nemmnu lil" Ġesù meta nilqgħu l-kelma tiegħu, ix-xhieda tiegħu, għax hu jgħid is-sewwa (ara Ġw 6: 30). "Nemmnu f'"Ġesù meta nilqgħuh personalment f'ħajjitna u nafdaw fih, ningħaqdu miegħu fl-imħabba u nimxu warajh matul it-triq (ara Ġw 2: 11; 6: 47; 12: 44).

Biex iħallina nagħrfuh, nilqgħuh u nimxu warajh, l-Iben ta' Alla ħa ġisem bħal tagħna, u hekk il-viżjoni tiegħu tal-Missier seħħet ukoll b'mod uman, permezz ta' mixja u triq fiż-żmien. Il-fidi Nisranija hija fidi fl-Inkarnazzjoni tal-Verb u fil-Qawmien tiegħu fil-ġisem; hija fidi f'Alla li resaq tant qrib li daħal fl-istorja tagħna. Il-fidi fl-Iben ta' Alla magħmul bniedem f'Ġesù ta' Nazaret ma tifridniex mir-realtà, iżda tħallina nifhmu t-tifsira l-aktar profonda tagħha, nifhmu kemm Alla jħobb lil din id-dinja u jmexxiha lejh bla waqfien; u dan iwassal lin-Nisrani biex jimpenja ruħu, jgħix b'mod aktar intensiv il-mixja fuq l-art.

*Is-salvazzjoni bil-fidi*

**19.** Huwa u jibda minn dan is-sehem fil-mod kif jara Ġesù, l-Appostlu Pawlu, fil-kitbiet tiegħu, ħallielna deskrizzjoni tal-eżistenza li temmen. Min jemmen, huwa u jilqa' d-don tal-fidi, jinbidel fi ħliqa ġdida, jirċievi ħajja ġdida, l-esseri (kewn) ta' iben, isir iben fl-Iben. "Abbà, Missier" hija l-kelma l-aktar karatteristika tal-esperjenza ta' Ġesù, li ssir ċentru tal-esperjenza Nisranija (ara Rum 8: 15). Il-ħajja fil-fidi, bħala eżistenza filjali, hi għarfien tad-don oriġinarju u radikali li jinsab fil-bażi tal-eżistenza tal-bniedem, u jista' jinġabar fil-frażi ta' San Pawl lill-Korintin: "X'għandek li ma ngħatalekx?" (1 Kor 4: 7). Hu sewwasew hawn li tinsab il-qalba tal-polemika ta' San Pawl mal-Fariżej, id-diskussjoni fuq is-salvazzjoni bil-fidi jew bl-għemejjel tal-liġi. Dak li San Pawl jiċħad hu l-atteġġament ta' min irid jiġġustifika lilu nnifsu quddiem Alla permezz tal-għemejjel tiegħu. Dan, anki meta jobdi l-kmandamenti, anki meta jagħmel għemejjel tajba, iqiegħed lilu nnifsu fiċ-ċentru, u ma jagħrafx li l-bidu tat-tjieba hu Alla. Min jimxi hekk, min irid ikun għajn tat-tjieba tiegħu, malajr jaraha tintemm u jagħraf li lanqas ma jista' jżomm ruħu fidil għal-liġi. Jingħalaq fih

innifsu, jinfired mill-Mulej u mill-oħrajn, u għalhekk ħajtu ssir fiergħa, il-ħidmiet tiegħu ma jkollhom frott, bħal siġra ’l bogħod mill-ilma. Santu Wistin hekk ifisser ruħu bil-lingwaġġ konċiż u effikaċi tiegħu: “*Ab eo qui fecit te noli deficere nec ad te*”, “Minn dak li għamlek la titbigħedx lanqas biex tersaq lejk innifsek”.[15] Meta l-bniedem jaħseb li jekk jitbiegħed minn Alla jsib lilu nnifsu, l-eżistenza tiegħu tiġi fix-xejn (ara Lq 15: 11-24). Il-bidu tas-salvazzjoni hu l-ftuħ għal xi ħaġa li seħħet qabel, għal don oriġinarju li jafferma l-ħajja u jħares fl-eżistenza. Hu biss meta ninfetħu għal dan il-bidu u nagħrfuh, li nkunu nistgħu ninfetħu, aħna u nħallu lis-salvazzjoni taħdem fina u tagħmel lill-ħajja għammiela, mimlija bi frott tajjeb. Is-salvazzjoni permezz tal-fidi tikkonsisti fil-għarfien tal-primat tad-don ta’ Alla, kif jgħid San Pawl: “Intom salvi bil-grazzja, permezz tal-fidi; u dan mhux bis-saħħa tagħkom, imma b’don ta’ Alla” (Ef 2: 8).

**20.** Il-loġika l-ġdida tal-fidi hi ċċentrata fuq Kristu. Il-fidi fi Kristu ssalvana għaliex hu fih li l-ħajja tinfetaħ mill-għeruq għal imħabba li timxi qabilna u tbiddilna minn ġewwa, li taħdem fina u magħna. Dan jidher biċ-ċar fl-eseġeżi li l-Appostlu tal-ġnus jagħmel tat-test tad-Dewteronomju, eseġeżi li tidħol fid-dinamika l-aktar profonda tat-Tesment il-Qadim. Mosè jgħid lill-poplu li l-amar ta’ Alla mhuwiex fil-għoli ħafna u lanqas ’il bogħod ħafna mill-bniedem. Ma għandniex ngħidu: “Min sa jitlgħalna s-sema jġibhielna?” jew “Min sa jmur ’l hemm mill-ibħra u jġibhielna?” (ara Dewt 30: 11-14). Li tkun qrib il-Kelma ta’ Alla San Pawl ifissirha bħala allużjoni għall-preżenza ta’ Kristu fin-Nisrani: “Tgħidx f’qalbek, ‘Min sa jitla’ fis-sema?’ jiġifieri biex iniżżel lil Kristu; anqas: ‘Min sa jinżel fil-qiegħ?’ jiġifieri biex iġib lil Kristu mill-imwiet” (Rum 10: 6-7). Kristu niżel fuq l-art u qam mill-imwiet; bl-Inkarnazzjoni u l-Qawmien tiegħu, l-Iben ta’ Alla ħaddan il-mixja sħiħa tal-bniedem u jgħammar fi qlubna permezz tal-Ispirtu s-Santu. Il-fidi taf li Alla resaq ħafna qrib tagħna, li Kristu ngħatalna bħala don kbir li jbiddilna minn ġewwa, li jgħammar fina, u hekk jagħtina d-dawl li jdawwal il-bidu u t-tmiem tal-ħajja, il-mixja sħiħa tal-bniedem.

**21.** Hekk nistgħu nifhmu d-differenza li l-fidi ġġib fina. Min jemmen jinbidel bl-imħabba, li għaliha nfetaħ fil-fidi, u fil-ftuħ tiegħu għal din l-imħabba li ngħatatlu, hu jitwessa’ lil hinn minnu nnifsu. San Pawl jista’ jgħid: “Ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu” (Gal 2: 20), u jħeġġeġ: “Li Kristu jgħammar f’qalbkom permezz tal-fidi” (Ef 3: 17). Fil-fidi, il-“jien” ta’ min jemmen jitwessa’ biex fih jgħammar Ieħor, biex jgħix f’Ieħor, u hekk ħajtu titwessa’ fl-imħabba. Hawn tinsab il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu. In-Nisrani jista’ jkollu l-għajnejn ta’ Ġesù, is-sentimenti tiegħu, id-dispożizzjoni tiegħu ta’ iben, għax jingħata sehem mill-imħabba tiegħu, li hi l-Ispirtu. Hu f’din l-imħabba li wieħed jirċievi f’xi mod il-viżjoni ta’ Ġesù. Mingħajr ma wieħed isir ħaġa waħda miegħu fl-imħabba, mingħajr il-

[15] *De continentia*, 4, 11: *PL* 40, 356.

preżenza tal-Ispirtu li jdaħħalha fi qlubna (ara Rum 5: 5), wieħed ma jistax jistqarr lil Ġesù bħala Mulej (ara 1 Kor 12: 3).

### *Il-forma ekkleżjali tal-fidi*

**22.** B'dan il-mod, l-eżistenza li temmen issir eżistenza ekkleżjali ħajja fil-Knisja. Meta San Pawl ikellem lill-Insara ta' Ruma dwar dak il-ġisem uniku li dawk kollha li jemmnu huma fi Kristu, hu jħeġġiġhom ma jiftaħrux; iżda kull wieħed għandu jitqies "skont il-qjies tal-fidi li tah Alla" (Rum 12: 3). Min jemmen, jitgħallem jara lilu nnifsu mill-fidi li jistqarr: il-figura ta' Kristu hi l-mera li fiha jsib ix-xbieha tiegħu rrealizzata. U kif Kristu jħaddan fih lil dawk kollha li jemmnu, li jiffurmaw il-ġisem tiegħu, in-Nisrani jara lilu nnifsu f'dan il-ġisem, f'relazzjoni oriġinarja ma' Kristu u mal-aħwa fil-fidi. Ix-xbieha tal-ġisem ma tridx tagħmel minn min jemmen biss parti minn total bla isem, element wieħed ta' ingranaġġ kbir, iżda aktar tisħaq fuq l-għaqda vitali ta' Kristu ma' dawk li jemmnu u ta' dawn bejniethom (ara Rum 12: 4-5). L-Insara huma "wieħed" (ara Gal 3: 28), mingħajr ma jitilfu l-individwalità tagħhom, u fil-qadi tal-oħrajn kull wieħed jirbaħ lilu nnifsu sal-aħħar il-kewn tiegħu. Nifhmu mbagħad għaliex 'il barra minn dan il-ġisem, minn din l-għaqda tal-Knisja fi Kristu, minn din il-Knisja, li skont il-kliem ta' Romano Guardini, "hi dik li storikament iġġorr il-ħarsa sħiħa ta' Kristu fuq id-dinja",[16] il-fidi titlef "il-qjies tagħha", ma ssibx aktar il-bilanċ tagħha, l-ispazju meħtieġ biex iżżomm wieqfa. Il-fidi għandha bilfors sura ekkleżjali, wieħed jistqarrha fil-ġewwieni tal-ġisem ta' Kristu, bħala għaqda konkreta ta' dawk li jemmnu. Hu minn dan il-post ekkleżjali li hi tiftaħ lil kull Nisrani għall-bnedmin kollha. Il-kelma ta' Kristu, meta tinstema' u minħabba d-dinamiżmu tagħha, bi tweġiba tinbidel fin-Nisrani, u ssir hi nfisha kelma mlissna, stqarrija tal-fidi. San Pawl jgħid: "Wieħed jemmen f'qalbu [...], u jistqarr b'xofftejh..." (Rum 10: 10). Il-fidi mhijiex fatt privat, kunċett individwalistiku, fehma suġġettiva, iżda titwieled minn smigħ u hi ddestinata biex titlissen u tixxandar. Infatti, "kif jistgħu jemmnu f'dak li ma semgħux bih? Kif jistgħu jisimgħu jekk ma jxandrulhomx?" (Rum 10: 14). Il-fidi mbagħad issir għemil fin-Nisrani minn meta jirċievi d-don, mill-imħabba li tiġbed lejn Kristu (ara Gal 5: 6) u tagħti sehem fil-mixja tal-Knisja, pellegrina fl-istorja lejn it-tmiem. Għal min inbidel b'dan il-mod, jinfetaħ mod ġdid kif jara, il-fidi ssir dawl għal għajnejh.

---

[16] *Vom Wesen katholischer Weltanschauung* (1923), f'*Unterscheidung des Christlichen. Gesammelte Studien 1923-1963*, Mainz 1963, 24.

IT-TIENI KAPITLU

# JEKK MA TEMMNUX, MA TIFHMUX
(ara Is 7: 9)

*Fidi u verità*

**23.** Jekk ma temmnux, ma tifhmux (ara Is 7: 9). Il-verżjoni Griega tal-Bibbja Lhudija, it-traduzzjoni tas-Sebgħin li saret f'Lixandra tal-Eġittu, hekk qalbet kliem il-profeta Isaija lis-sultan Aħaż. B'dan il-mod il-kustjoni tal-għarfien tal-verità kienet titqiegħed fiċ-ċentru tal-fidi. Fit-test Lhudi, b'danakollu, naqraw ħaġ'oħra. Hemm il-profeta jgħid lis-sultan: "Jekk ma temmnux, ma tibqgħux sħaħ." Hawn għandna logħba bil-kliem b'żewġ forom tal-verb *'amàn*: "temmnu" (*ta'aminu*), u "tibqgħu sħaħ" (*te'amenu*). Beżgħan mill-qawwa tal-għedewwa tiegħu, is-sultan fittex is-sikurezza li seta' jagħtih patt mal-imperu l-kbir tal-Assirja. Il-profeta, għalhekk, stiednu jafda biss fil-blata vera li ma titħarrikx, Alla ta' Israel. Billi Alla tista' torbot fuqu, jagħmel sens li jkollok il-fidi fih, tibni s-sikurezza tiegħek fuq Kelmtu. Dan hu Alla li aktar 'il quddiem Isaija jsejjaħlu għal darbtejn "Alla-Ammen" (ara Is 65: 16), sies b'saħħtu ta' fedeltà lejn il-patt. Wieħed jista' jaħseb li l-verżjoni Griega tal-Bibbja, meta qalbet "tibqgħu sħaħ" b'"tifhmu", għamlet bidla kbira fit-test, filwaqt li mxiet min-nozzjoni biblika ta' telqien f'Alla għal dik Griega ta' għarfien. B'danakollu, din it-traduzzjoni, li żgur kienet tilqa' d-djalogu mal-kultura Griega, mhijiex barranija għad-dinamika profonda tat-test Lhudi. Is-sħuħija li Isaija jwiegħed lis-sultan tiftiehem, infatti, bħala għarfien tal-għemil ta' Alla u tal-għaqda li hu jagħti lil ħajjet il-bniedem u lill-istorja tal-poplu. Il-profeta jisfida lis-sultan u lilna biex nifhmu t-triqat tal-Mulej, huwa u jsib fil-fedeltà ta' Alla l-pjan għaref li jmexxi ż-żminijiet. Santu Wistin għamel sinteżi ta' "fehem" u "baqa' sħiħ" fl-*Istqarrijiet* tiegħu, meta jitkellem dwar il-verità, li fuqha wieħed jista' jserraħ biex jibqa' wieqaf: "Nibqa' sħiħ u nissaħħaħ fik, [...] fil-verità tiegħek."[17] Mill-kuntest nafu li Santu Wistin irid juri l-mod kif inhi din il-verità affidabbli ta' Alla, kif toħroġ mill-Bibbja, il-preżenza fidila tiegħu tul l-istorja, il-ħila tiegħu li jżomm iż-żminijiet flimkien, huwa u jiġbor it-tixrid ta' jiem il-bniedem.[18]

**24.** Is-silta ta' Isaija, moqrija f'dan id-dawl, twassal għal konklużjoni: il-bniedem jeħtieġ l-għarfien, jeħtieġ il-verità, għaliex mingħajrha ma jiqafx, ma jimxix 'il quddiem. Il-fidi, mingħajr il-verità, ma ssalvax, ma tiżgurax il-passi tagħna. Tibqa' ħrafa sabiħa, il-projezzjoni ta' xewqatna għall-hena, xi ħaġa li tikkuntentana biss skont kemm irridu nitqarrqu. Jonkella

[17] XI, 30, 40: *PL* 32, 825.
[18] Ara *l-istess*, 825-826.

tkun biss sentiment sabiħ, li jfarraġ u jferraħ il-qalb, iżda jibqa' suġġett għall-bidliet ta' moħħna, għall-bidliet taż-żminijiet, bla ħila li żżomm mixja kostanti fil-ħajja. Jekk il-fidi hi hekk, is-sultan Aħaż ikollu raġun ma jilgħabx ħajtu u s-sikurezza ta' saltnatu għal emozzjoni. Iżda sewwasew minħabba r-rabta sfiqa tagħha mal-verità, il-fidi taf tagħti dawl ġdid, 'il fuq mill-kalkolazzjonijiet tas-sultan, għax hi tara aktar fil-bogħod, għax tifhem l-għemil ta' Alla, li hu fidil lejn l-alleanza tiegħu u lejn il-wegħdiet tiegħu.

**25.** Ir-rabta tal-fidi mal-verità hija llum meħtieġa aktar minn qatt qabel, sewwasew minħabba l-kriżi tal-verità li ninsabu fiha. Fil-kultura ta' żmienna sikwit hemm tendenza li tintlaqa' biss bħala verità dik tat-teknoloġija: hu veru dak li l-bniedem iseħħlu jibni u jkejjel bix-xjenza tiegħu, veru għax jiffunzjoni, u għalhekk iġib il-ħajja aktar komda u ħafifa. Jidher li llum din hi l-unika verità ċerta, l-unika li nistgħu naqsmuha mal-oħrajn, l-unika li fuqha nistgħu niddiskutu u nimpenjaw ruħna flimkien. Min-naħa l-oħra hemm imbagħad il-veritajiet tal-individwu, li jikkonsistu filli wieħed ikun awtentiku quddiem dak li kull wieħed iħoss minn ġewwa, jiswew biss għall-individwu u ma jistgħux ikunu proposti lill-oħrajn biex iservu għall-ġid komuni. Il-verità l-kbira, il-verità li tfisser il-ħajja personali u soċjali flimkien, iħarsu lejha b'suspett. Ma kinitx forsi din – wieħed jistaqsi – il-verità li stennew it-totalitariżmi l-kbar tas-seklu l-ieħor, verità li kienet timponi l-kunċett globali tagħha biex tisħaq l-istorja konkreta tal-individwu? Imbagħad jibqa' biss relattiviżmu li fih il-mistoqsija dwar il-verità ta' kollox, li fl-aħħar mill-aħħar hi wkoll il-mistoqsija dwar Alla, ma għadhiex tinteressa. F'din il-prospettiva hi ħaġa loġika li tinbet ix-xewqa li titneħħa r-rabta tar-reliġjon mal-verità, għax dir-rabta tkun fl-għeruq tal-fanatiżmu, li jrid ixejjen lil min ma jkollux l-istess twemmin. La ġejna f'dan, nistgħu nsemmu l-amnesija l-kbira tad-dinja ta' żmienna. Il-mistoqsija dwar il-verità, infatti, hija kustjoni ta' memorja, ta' memorja profonda, għax aħna nduru fuq xi ħaġa li tinsab quddiemna, u b'dan il-mod, jista' jseħħilha tgħaqqadna lil hinn mill-"jien" żgħir u limitat tagħna. Hija mistoqsija fuq il-bidu ta' kollox, li fid-dawl tagħha nistgħu naraw il-quċċata u s-sens tat-triq li nimxu flimkien.

*Għarfien tal-verità u mħabba*

**26.** F'din il-qagħda, tista' l-fidi Nisranija tagħti servizz lill-ġid komuni dwar il-mod tajjeb kif nifhmu l-verità? Biex inwieġbu jeħtieġ nirriflettu fuq it-tip ta' għarfien li hu tal-fidi. Tista' tgħinna espressjoni ta' San Pawl, meta jgħid: "Wieħed jemmen f'qalbu" (Rum 10: 10). Il-qalb, fil-Bibbja, hija l-qalba tal-bniedem, fejn jiltaqgħu d-dimensjonijiet kollha tiegħu: il-ġisem u r-ruħ; il-ġewwieni tal-persuna u l-ftuħ tagħha għad-dinja u għall-oħrajn; l-intellett, ir-rieda, l-affettività. Jekk il-qalb għandha l-ħila żżomm flimkien dawn id-dimensjonijiet, hu għaliex hi l-post fejn ninfetħu għall-verità u għall-imħabba u nħalluhom imissuna u

jbiddluna fil-profond. Il-fidi tbiddel il-persuna sħiħa, għaliex hija tiftaħna għall-imħabba. Hu f'din in-nisġa tal-fidi mal-imħabba li wieħed jifhem l-għamla ta' għarfien tal-fidi, il-qawwa tagħha li tikkonvinċi, il-ħila tagħha li ddawwal il-passi tagħna. Il-fidi tagħraf għaliex hi marbuta mal-imħabba, għaliex l-imħabba nfisha twassal għad-dawl. L-għarfien tal-fidi hu dak li jitwieled meta nirċievu l-imħabba kbira ta' Alla li tbiddilna minn ġewwa u tagħtina għajnejn ġodda biex naraw ir-realtà.

**27.** Hu magħruf il-mod kif il-filosfu Ludwig Wittgenstein fisser ir-rabta bejn il-fidi u ċ-ċertezza. Fil-fehma tiegħu, it-twemmin jixbah l-esperjenza tan-namrar, maħsuba bħala xi ħaġa soġġettiva, mhix proponibbli bħala verità li tiswa għal kulħadd.[19] Lill-bniedem modern jidhirlu, infatti, li l-kustjoni tal-imħabba ma għandha x'taqsam xejn mal-veru. L-imħabba llum hija esperjenza marbuta mad-dinja tas-sentimenti li jinbidlu u mhux aktar mal-verità.

Imma din hi deskrizzjoni tal-imħabba tabilħaqq adegwata? Fis-sewwa, l-imħabba ma tistax tirriduċi ruħha għal sentiment li jiġi u jmur. Hi tmiss, iva, l-affettività tagħna, iżda biex tiftaħha għall-persuna l-maħbuba u hekk tibda mixja, li hi ħruġ minn għeluq fil-"jien" tagħna u tluq lejn il-persuna l-oħra, biex nibnu relazzjoni li tibqa'; l-imħabba trid l-għaqda mal-persuna l-maħbuba. Imbagħad jidher f'liema sens l-imħabba teħtieġ il-verità. Jekk biss tkun imsejsa fuq il-verità tista' l-imħabba ddum fiż-żmien, tmur lil hinn mill-waqt li jgħaddi u tibqa' soda biex tibqa' miexja f'mixja komuni. Kieku l-imħabba ma jkollhiex rabta mal-verità, tkun tiddependi mill-bidliet tas-sentimenti u ma tegħlibx it-tiġrib taż-żmien. L-imħabba vera, iżda, tgħaqqad flimkien l-elementi kollha tal-persuna tagħna u ssir dawl ġdid għal ħajja kbira u sħiħa. Mingħajr verità l-imħabba ma tistax tagħti rabta soda, ma jseħħilhiex iġġorr il-"jien" lil hinn mill-iżolament tagħha, lanqas ma teħilsu mill-waqt li jgħaddi biex tibni l-ħajja u tagħmel il-frott.

Jekk l-imħabba teħtieġ il-verità, hekk ukoll il-verità teħtieġ l-imħabba. Imħabba u verità ma jistgħux jifirdu. Mingħajr imħabba, il-verità tibred, issir impersonali, issir toqol għall-ħajja konkreta tal-persuna. Il-verità li nfittxu, dik li tagħti tifsir lill-passi tagħna, iddawwalna meta tmissna l-imħabba. Min iħobb, jifhem li l-imħabba hija esperjenza tal-verità, li hi nfisha tiftħilna għajnejna biex naraw ir-realtà kollha b'mod ġdid, f'għaqda mal-persuna l-maħbuba. F'dan is-sens, San Girgor il-Kbir kiteb "*amor ipse notitia est*", l-imħabba nfisha hija għarfien, iġġib magħha loġika ġdida.[20] Huwa mod relazzjonali kif wieħed iħares lejn id-dinja, li jsir għarfien maqsum, viżjoni fil-viżjoni tal-ieħor u viżjoni komuni fuq kollox. Guliermu ta' Saint Thierry, fiż-Żmien tan-Nofs, jimxi fuq din it-tradizzjoni meta jikkummenta versett tal-Għanja tal-Għanjiet li fih il-maħbub jgħid lill-maħbuba: "Għajnejk huma għajnejn ta' ħamiema" (Għan 1: 15).[21] Dawn il-par għajnejn, ifisser Guliermu, huma r-raġuni li temmen

[19] Ara *Vermischite Bemerkungen / Culture and Value*, G.H. von Wright (ed.), Oxford 1991, 32-33; 61-64.
[20] *Homiliae in Evangelia*, II, 27, 4; *PL* 76, 1207.
[21] Ara *Expositio super Cantica Canticorum*, XVIII, 88: *CCL, Continuatio Mediaevalis* 87, 67.

u l-imħabba, li jsiru għajn waħda biex jikkuntemplaw lil Alla, meta l-intellett isir "intellett ta' mħabba mudwala".[22]

**28.** Din il-kixfa tal-imħabba bħala għajn ta' għarfien, li hi tal-esperjenza oriġinarja ta' kull bniedem, issib espressjoni awtorevoli fil-kunċett bibliku tal-fidi. Huwa u jgawdi l-imħabba li biha Alla għażlu u nisslu bħala poplu, Israel wasal biex jifhem l-unità tal-pjan ta' Alla, mill-bidu sat-tmiem. L-għarfien tal-fidi, billi jitwieled mill-imħabba ta' Alla li jwaqqaf il-patt, hu għarfien li jdawwal mixja fl-istorja. Hu għalhekk li fil-Bibbja, il-verità u l-fedeltà jmorru flimkien: Alla l-veru huwa Alla l-fidil, dak li jżomm il-wegħdiet tiegħu u jħallina, fiż-żmien, nifhmu l-pjan tiegħu. Permezz tal-esperjenza tal-profeti, fin-niket tal-eżilju u fit-tama ta' ritorn definittiv lejn il-belt il-qaddisa, Israel fehem li din "il-verità" ta' Alla kienet tinfirex lil hinn mill-istorja tiegħu, biex tħaddan l-istorja sħiħa tad-dinja, mill-ħolqien. L-għarfien tal-fidi jdawwal mhux biss il-mixja partikulari ta' poplu, imma l-mixja sħiħa tad-dinja maħluqa, mill-bidu sat-tmiem tagħha.

## *Il-fidi bħala smigħ u viżjoni*

**29.** Sewwasew għaliex l-għarfien tal-fidi hu marbut mal-alleanza ta' Alla fidil, li jinseġ rabta ta' mħabba mal-bniedem u jkellmu, huwa ppreżentat fil-Bibbja bħala smigħ, hu marbut mas-sens tas-smigħ. San Pawl ħareġ b'formola li saret klassika: *fides ex auditu*, "il-fidi tiġi mis-smigħ" (Rum 10: 17). L-għarfien marbut mal-kelma hu dejjem għarfien personali, li jagħraf il-leħen, jinfetaħ għalih ħieles u jimxi warajh fl-ubbidjenza. Għalhekk San Pawl tkellem fuq l-"ubbidjenza tal-fidi" (ara Rum 1: 5; 16: 26).[23] Il-fidi, barra minn dan, hija għarfien marbut mal-mixja taż-żmien, li l-kelma teħtieġu biex titlissen: hu għarfien li wieħed jitgħallmu biss f'mixja ta' dixxepolat. Is-smigħ jgħin biex tissawwar tajjeb ir-rabta bejn għarfien u mħabba.

Fejn jidħol l-għarfien tal-verità, is-smigħ kien kultant imqiegħed f'kuntrast mal-viżjoni, li hi karatteristika tal-kultura Griega. Id-dawl, jekk minn naħa joffri l-kontemplazzjoni ta' kollox, li tiegħu l-bniedem dejjem kellu x-xenqa, mill-oħra ma jidhirx li dan iħalli spazju għal-libertà, għax jinżel mis-sema u jasal dirett fil-għajn, mingħajr ma jitlob tweġiba mingħandha. Barra minn dan, jidher li jistieden għal kontemplazzjoni statika, mifruda miż-żmien konkret li fih il-bniedem igawdi u jbati. Skont dan il-ħsieb, l-idea biblika ta' għarfien hi kontra dik Griega, li fit-tiftix għal komprensjoni sħiħa tar-reali, rabtet l-għarfien mal-viżjoni.

[22] *L-istess*, XIX, 90: *CCL, Continuatio Mediaevalis* 87, 69.

[23] "Lil Alla li jirrivela għandha tingħata "l-ubbidjenza tal-fidi" (Rum 16-26; ara Rum 1: 5; 2 Kor 10: 5-6), li biha l-bniedem jintelaq kollu kemm hu, ħieles, u jagħtih il-ġieħ sħiħ tal-intellett u tar-rieda u jaqbel volontarjament mar-Rivelazzjoni li jagħti hu. Biex wieħed jista' jkollu din il-fidi, jeħtiġulu l-grazzja ta' Alla li tingħatalu u tgħinu u l-għajnuniet tal-Ispirtu s-Santu, li jmexxi l-qalb u jdawwarha lejn Alla, jiftaħ l-għajnejn tar-ruħ u jagħti lil kulħadd ħlewwa fil-kunsens u fit-twemmin tal-verità. Biex imbagħad l-għarfien tar-Rivelazzjoni ssir dejjem aktar profonda, l-istess Spirtu s-Santu jipperfezzjona l-fidi l-ħin kollu bid-doni tiegħu" (Konc. Ekum. Vat. II, Kost. Dogm. dwar ir-Rivelazzjoni *Dei Verbum*, 5).

Hi mbagħad ħaġa ċara li din l-oppożizzjoni bejn iż-żewġ termini ma taqbilx mal-kontenut bibliku. It-Testment il-Qadim ħallat iż-żewġ tipi ta' għarfien, għax mas-smigħ tal-Kelma ta' Alla jgħaqqad ix-xewqa li wieħed jara wiċċu. B'dan il-mod seta' jikber djalogu mal-kultura Griega, djalogu li jinsab fil-qalba tal-Iskrittura. Is-smigħ jixhed is-sejħa personali u l-ubbidjenza, hekk ukoll il-fatt li l-verità tidher fiż-żmien; id-dehra tagħti viżjoni sħiħa tal-mixja kollha u tħallina nidħlu fil-proġett kbir ta' Alla; mingħajr din il-viżjoni jkollna f'idejna biss frak iżolat ta' ħaġa globali mhux magħrufa.

**30.** Ir-rabta bejn li tara u li tisma' fl-għarfien tal-fidi, tidher b'mod mill-aktar ċar fil-Vanġelu ta' Ġwanni. Għar-raba' Vanġelu, it-twemmin huwa smigħ, u fl-istess ħin, li tara. Is-smigħ tal-fidi jiġi skont l-għamla ta' għarfien proprju tal-imħabba: huwa smigħ personali, li jagħżel il-leħen u jagħraf dak tar-Ragħaj it-Tajjeb (ara Ġw 10: 3-5); smigħ li jitlob lil min jimxi warajh, bħalma ġara lill-ewwel dixxipli, li "semgħuh jgħid dan, u marru wara Ġesù" (Ġw 1: 37). Min-naħa l-oħra, il-fidi hija marbuta wkoll ma' li tara. Kultant id-dehra tas-sinjali ta' Ġesù timxi qabel il-fidi, bħalma ġara lil-Lhud, li wara l-qawmien ta' Lazzru, "raw dak li għamel Ġesù u emmnu fih" (Ġw 11: 45). Drabi oħra, hi l-fidi li twassal għal dehra aktar profonda: "Jekk temmen, tara l-glorja ta' Alla" (Ġw 11: 40). Fl-aħħar mill-aħħar, it-twemmin u li tara jintisġu flimkien: "Min jemmen fija [...] jemmen f'min bagħatni; u min jara lili jkun qiegħed jara lil min bagħatni" (Ġw 12: 44-45). Bis-saħħa ta' din l-għaqda mas-smigħ, li tara jsir mixja wara Kristu, u l-fidi tidher bħala mixja bil-ħars, li fiha l-għajnejn jidraw jaraw fil-profond. U hekk, nhar l-Għid filgħodu, ngħaddu minn fuq Ġwanni li fid-dlam quddiem il-qabar vojt, "ra u emmen" (Ġw 20: 8); għal fuq Marija Maddalena li issa rat lil Ġesù (ara Ġw 20: 14) u riedet iżżommu, iżda ingħatatilha l-istedina li tikkuntemplah fil-mixja tiegħu lejn il-Missier; sal-istqarrija sħiħa tal-istess Maddalena quddiem id-dixxipli: "Rajt lill-Mulej" (Ġw 20: 18).

Kif naslu għal dis-sinteżi bejn is-smigħ u li tara? Din issir possibbli jekk nitilqu mill-persuna konkreta ta' Ġesù, li narawh u nisimgħuh. Huwa l-Kelma magħmula bniedem, li tiegħu rajna l-glorja (ara Ġw 1: 14). Id-dawl tal-fidi hu dak ta' Wiċċ li fih jidher il-Missier. Infatti, il-verità li l-fidi tilqa', fir-raba' Vanġelu hi d-dehra tal-Missier fl-Iben, f'ġismu u fl-għemejjel tiegħu fid-dinja, verità li tista' titfisser bħala t-"triq mudwala" ta' Ġesù.[24] Dan ifisser li l-għarfien tal-fidi ma jistedinniex inħarsu lejn verità purament ġewwiena. Il-verità li l-fidi turina hija verità ċċentrata fuq il-laqgħa ma' Kristu, fuq il-kontemplazzjoni ta' ħajtu, fuq il-perċezzjoni tal-preżenza tiegħu. F'dan is-sens, San Tumas ta' Aquino jitkellem dwar l-*oculata fides* tal-Appostli – fidi li tara! – quddiem id-dehra materjali tal-Irxoxt.[25] Raw b'għajnejhom lil Ġesù mqajjem u emmnu, jiġifieri setgħu jinfdu l-profondità ta' dak li kienu qegħdin jaraw biex jistqarru l-Iben ta' Alla, bilqiegħda fuq il-lemin tal-Missier.

[24] Ara H. Schlier, *Meditationen über den Johanneischen Begriff der Wahrhbeit*, f'*Besinnung auf das Neue Testament. Exegetische Aufsätze und Vorträge 2*, Feiburg, Basel, Wien 1959, 272.
[25] Ara *S. Th.* III, q. 55, a. 2, ad 1.

**31.** Hekk biss, permezz tal-Inkarnazzjoni, bil-qsim tal-umanità tagħna, l-għarfien proprju tal-imħabba seta' jilħaq is-sħuħija. Id-dawl tal-imħabba, infatti, jitwieled meta nintmessu f'qalbna, aħna u nilqgħu fina l-preżenza ġewwiena tal-maħbub, li jħallina nagħrfu l-misteru tiegħu. Imbagħad nifhmu għaliex, flimkien ma' li tisma' u li tara, il-fidi, għal San Ġwann, hi mess, kif jgħid fl-Ewwel Ittra tiegħu: "Dak li aħna smajna, li rajna [...] u li messew idejna, jiġifieri l-Kelma tal-ħajja..." (1 Ġw 1: 1). Bl-Inkarnazzjoni tiegħu, bil-miġja tiegħu fostna, Ġesù messna, u permezz tas-sagramenti, illum ukoll imissna; b'dan il-mod, huwa u jbiddel qalbna, ħalliena u jħallina nagħrfuh u nistqarruh bħala Bin Alla. Bil-fidi, aħna nistgħu mmissuh, u nirċievu l-qawwa tal-grazzja tiegħu. Santu Wistin, huwa u jikkummenta s-silta tal-mara bit-tnixxija tad-demm li messet lil Ġesù biex tfiq (ara Lq 8: 45-46), jgħid: "Tmiss bil-qalb, dan hu t-twemmin."[26] Il-ġemgħa kienet tross madwaru, iżda ma laħqitux bil-mess personali tal-fidi, li tagħraf il-misteru tiegħu, l-esseri (il-kewn) tiegħu bħala Iben li juri l-Missier. Hu biss meta nissawru fuq ix-xbieha ta' Ġesù, li ningħataw għajnejn tajbin biex jarawh.

*Id-djalogu bejn fidi u raġuni*

**32.** Il-fidi Nisranija, billi xxandar il-verità sħiħa ta' Alla u tiftaħ għall-qawwa ta' din l-imħabba, tasal fiċ-ċentru l-aktar profond tal-esperjenza ta' kull bniedem, li joħroġ għad-dawl bis-saħħa tal-imħabba u jissejjaħ biex iħobb biex jibqa' fid-dawl. Imqanqlin bix-xewqa li jdawlu r-realtà kollha billi jibdew mill-imħabba ta' Alla murija f'Ġesù, filwaqt li jfittxu li jħobbu b'dik l-istess imħabba, l-ewwel Insara sabu fid-dinja Griega, fl-għatx tagħha tal-verità, sieħeb tajjeb għad-djalogu. Il-laqgħa tal-messaġġ evanġeliku mal-ħsieb filosofiku tad-dinja l-qadima fetħet passaġġ deċiżiv biex l-Evanġelju jasal għand il-ġnus kollha, u ġiebet 'il quddiem interazzjoni għammiela bejn fidi u raġuni, li kienet qed tiżviluppa fil-mixja tas-sekli, sa żmienna. Il-Beatu Ġwanni Pawlu II, fl-Ittra Enċiklika tiegħu *Fides et ratio*, wera kif fidi u raġuni jqawwu lil xulxin.[27] Meta nsibu d-dawl sħiħ tal-imħabba ta' Ġesù, insibu li f'kull imħabba kien hemm preżenti dija tiddi ta' dak id-dawl u nifhmu x'kien l-għan aħħari tiegħu. U fl-istess ħin il-fatt li mħabbitna ġġorr magħha dawl, jgħinna naraw il-mixja tal-imħabba lejn il-milja tal-għotja sħiħa tal-Iben ta' Alla għalina. F'din il-mixja ċirkulari, id-dawl tal-fidi jdawwal ir-rapporti umani tagħna kollha, li jistgħu jingħaxu f'għaqda mal-imħabba u l-ħlewwa ta' Kristu.

[26] *Sermo* 229/L, 2: *PLS* 2, 576: *"Tangere autem corde, hoc est credere."*
[27] Ara Ittra Enċ. *Fides et ratio* (14 ta' Settembru 1998), 73: *AAS* (1999), 61-62.

**33.** Fil-ħajja ta' Santu Wistin, insibu eżempju b'tifsira ta' din il-mixja li fiha t-tiftix tar-raġuni, bix-xewqa tiegħu għall-verità u ċ-ċarezza, jinsab fix-xefaq tal-fidi, li minnha rċieva għarfien ġdid. Minn naħa, huwa jilqa' l-filosofija Griega tad-dawl bl-insistenza tagħha fuq li tara. Il-laqgħa tiegħu man-Neoplatoniżmu ġagħlu jagħraf il-paradigma tad-dawl, li jinżel minn fuq biex idawwal l-oġġetti, u hekk hu simbolu ta' Alla. B'dan il-mod, Santu Wistin fehem it-traxxendenza ta' Alla u kixef li l-ħwejjeġ kollha għandhom fihom trasparenza, jiġifieri li kienu jistgħu jirriflettu t-tjieba ta' Alla, it-Tajjeb. B'hekk hu ħeles mill-Manikejiżmu li l-ewwel kien jgħix fih u kien iwasslu biex jaħseb li l-ħażin u t-tajjeb jiġġieldu bejniethom il-ħin kollu, filwaqt li jitħalltu u jitfixklu ma' xulxin, mingħajr distinzjoni ċara bejniethom. Meta fehem li Alla hu dawl seta' jaqbad orjentament ġdid fl-eżistenza, il-ħila li jagħraf il-ħażen li tiegħu kien ħati u jdur lejn it-tajjeb.

Min-naħa l-oħra, iżda, fl-esperjenza konkreta ta' Santu Wistin, li hu nnifsu jirrakkontaha fl-*Istqarrijiet* tiegħu, il-waqt deċiżiv fil-mixja tiegħu tal-fidi ma kienx dak ta' viżjoni ta' Alla, lil hinn minn din id-dinja, iżda aktarx dak tas-smigħ, meta fil-ġnien sema' leħen li qallu: "Aqbad u aqra"; hu qabad il-ktieb bl-Ittri ta' San Pawl u waqaf fuq il-kapitlu tlettax tal-Ittra lir-Rumani.[28] Hekk deher Alla personali tal-Bibbja, kapaċi jkellem lill-bniedem, li jinżel jgħix miegħu u jsieħeb il-mixja tiegħu fl-istorja, huwa u juri ruħu fi żmien is-smigħ u t-tweġiba.

U b'danakollu, din il-laqgħa ma' Alla tal-Kelma ma wasslitx lil Santu Wistin biex jiċħad id-dawl u l-viżjoni. Hu għaqqad iż-żewġ perspettivi, immexxi dejjem mir-rivelazzjoni tal-imħabba ta' Alla f'Ġesù. U hekk ħadem filosofija tad-dawl li tħaddan fiha r-reċiproċità tal-kelma u tiftaħ spazju għall-ħarsa ħielsa lejn id-dawl. Kif għall-kelma hemm tweġiba ħielsa, hekk ukoll id-dawl isib bħala tweġiba xbieha li tirriflettih. Santu Wistin imbagħad, huwa u jsieħeb is-smigħ ma' li tara, jista' jirreferi għall-"kelma li tiddi fil-ġewwieni tal-bniedem".[29] B'dan il-mod id-dawl isir, biex ngħidu hekk, id-dawl ta' kelma, għaliex hu d-dawl ta' Wiċċ personali, dawl li, waqt li jdawwalna, isejħilna u jrid jirrifletti f'wiċċna biex jiddi minn ġo fina. Fl-aħħar mill-aħħar, ix-xewqa tal-viżjoni ta' kollox, u mhux biss ta' frak mill-istorja, tibqa' preżenti u fl-aħħar isseħħ, meta l-bniedem, kif jgħid il-Qaddis ta' Ippona, jara u jħobb.[30] U dan, mhux għaliex ikollu l-ħila jippossjedi d-dawl kollu, li qatt ma jintemm, iżda għaliex jidħol, kollu kemm hu, fid-dawl.

**34.** Id-dawl tal-imħabba, propju tal-fidi, jista' jdawwal il-mistoqsijiet ta' żmienna fuq il-verità. Il-verità llum sikwit tirriduċi ruħha għal awtentiċità suġġettiva tal-individwu, tiswa biss għall-ħajja individwali. Verità komuni tbeżżagħna, għaliex nidentifikawha mal-impożizzjoni intransiġenti tat-totalitariżmi. Iżda jekk il-verità hi l-verità tal-imħabba,

---

[28] Ara *Stqarrijiet*, VIII, 12, 29: *PL* 32, 762.

[29] *De Trinitate*, XV, 11, 20: *PL* 42, 1071: *"verbum quod intus lucet."*

[30] Ara *De civitate Dei*, XXII, 30, 5: *PL* 41, 804.

jekk hi l-verità li toħroġ mil-laqgħa personali mal-Ieħor u mal-oħrajn, hi tibqa' ħielsa mill-għeluq fl-individwu u tista' tkun parti mill-ġid komuni. Billi hi verità ta' mħabba, mhijiex verità li timponi ruħha bil-vjolenza, mhijiex verità li tgħattan lill-individwu. Billi titwieled mill-imħabba tista' tasal sal-qalb, għaċ-ċentru personali ta' kull bniedem. Hekk jidher ċar li l-fidi mhijiex intransiġenti, iżda tikber fil-għajxien mal-oħrajn b'rispett lejn l-ieħor. Min jemmen mhuwiex arroganti; bil-maqlub, il-verità tagħmlu umli, għax jaf, li aktar milli nippossedew aħna, hija hi li tħaddanna u tippossedina. 'Il bogħod milli twebbisna, is-sikurezza tal-fidi tqegħedna fil-mixja, u biha nkunu nistgħu nixhdu u niddjalogaw ma' kulħadd.

Min-naħa l-oħra, id-dawl tal-fidi, billi hu magħqud mal-verità tal-imħabba, mhuwiex barrani għad-dinja materjali, għaliex l-imħabba dejjem tingħax fil-ġisem u fir-ruħ; id-dawl tal-fidi huwa dawl inkarnat, li joħroġ mill-ħajja mudwala ta' Ġesù. Hu jdawwal saħansitra l-materja, jafda fl-ordni tagħha, jaf li fiha tinfetaħ mixja ta' armonija u ta' għarfien dejjem jitwessa'. Il-ħarsa tax-xjenza tirċievi b'hekk benefiċċju mill-fidi: din tistieden lix-xjenzjat jibqa' miftuħ għar-realtà, fl-għana kollu tagħha li ma jintemm qatt. Il-fidi tqajjem is-sens kritiku, għax ma tħallix it-tiftix jissodisfa ruħu bil-formoli tiegħu u tgħinu jifhem li n-natura hi dejjem akbar. Filwaqt li tistedinna nistagħġbu quddiem il-misteru tal-ħolqien, il-fidi twessa' l-orizzonti tar-raġuni biex iddawwal aħjar id-dinja li tinfetaħ għall-istudji tax-xjenza.

*Il-fidi u t-tiftix ta' Alla*

**35.** Id-dawl tal-fidi f'Ġesù jdawwal ukoll il-mixi ta' dawk kollha li jfittxu lil Alla, u tagħti l-kontribut proprju tal-Kristjaneżmu fid-djalogu mas-segwaċi tad-diversi reliġjonijiet. L-Ittra lil-Lhud tkellimna dwar ix-xhieda tat-tajbin, li qabel il-patt ma' Abraham, kienu diġà qegħdin ifittxu lil Alla bil-fidi. Dwar Ħenok tgħid li "hu kien għoġob lil Alla" (Lhud 11: 5), ħaġa li ma sseħħx mingħajr il-fidi, għax min "jersaq lejn Alla jeħtieġlu jemmen li Alla jeżisti u li hu jagħti l-ħlas xieraq lil dawk li jfittxuh" (Lhud 11: 6). Hekk nistgħu nifhmu li l-mixi tal-bniedem reliġjuż jgħaddi mill-istqarrija ta' Alla li jieħu ħsiebu u li mhux impossibbli li jinstab. Xi ħlas ieħor jista' jagħti Alla lil dawk li jfittxuh, jekk mhux li jħallihom jiltaqgħu miegħu? Qabel dan, insibu l-figura ta' Abel, li l-fidi tiegħu tfaħħret ukoll u minħabba fiha Alla laqa' d-doni tiegħu, l-offerta tal-imweldin l-ewwel fl-imrieħel tiegħu (ara Lhud 11: 4). Il-bniedem reliġjuż ifittex li jagħraf is-sinjali ta' Alla fl-esperjenzi tal-ħajja ta' kuljum, fiċ-ċiklu tal-istaġuni, fil-fertilità tal-art u fiċ-ċaqliq kollu tal-univers. Alla huwa dawl, u jista' jinstab ukoll minn dawk li jfittxuh b'qalb sinċiera.

Xbieha ta' dan it-tiftix huma l-Maġi, immexxijin minn kewkba sa Betleħem (ara Mt 2: 1-12). Lilhom id-dawl ta' Alla dehrilhom bħala mixja, bħala kewkba li tmexxi tul triq ta' kixfiet. Il-kewkba titkellem dwar is-sabar ta' Alla b'għajnejna, li jridu jidraw id-dija tagħha.

Il-bniedem reliġjuż jinsab f'mixja u jrid ikun lest li jitħalla jitmexxa, li joħroġ minnu nnifsu biex isib lil Alla li dejjem jgħaġġibna. Dan ir-rispett ta' Alla għal għajnejn il-bniedem jurina li meta l-bniedem joqrob lejh, id-dawl uman ma jdubx bil-kobor mudwal bla tarf ta' Alla, bħallikieku kien kewkba miblugħa miż-żerniq, iżda jsir jiddi aktar daqskemm ikun eqreb lejn in-nar tal-bidu, bħall-mera li tirrifletti d-dija. L-istqarrija Nisranija ta' Ġesù, salvatur waħdieni, tgħid li d-dawl kollu ta' Alla hu kkonċentrat fih, fil-"ħajja mudwala" tiegħu, li fiha jidhru l-bidu u t-tmiem tal-istorja.[31] Mhemm ebda esperjenza umana, ebda mixja tal-bniedem lejn Alla, li ma tistax tintlaqa', tiddawwal u tissaffa b'dan id-dawl. Aktar ma n-Nisrani jogħdos fiċ-ċirku miftuħ tad-dawl ta' Kristu, aktar ikollu l-ħila jifhem u jsieħeb lil kull bniedem fi triqtu lejn Alla.

Billi l-fidi tidher bħal triq, hi għandha x'taqsam ukoll ma' ħajjet il-bnedmin, li għad li ma jemmnux, jixtiequ jemmnu u ma jiqfux ifittxu. Daqskemm jinfetħu għall-imħabba b'qalb sinċiera u jibdew jimxu b'dak id-dawl li jseħħilhom jiġbru, huma diġà qed jgħixu, bla ma jafu, fit-triq lejn il-fidi. Huma jfittxu jġibu ruħhom bħallikieku Alla jeżisti, xi drabi għaliex jagħrfu l-importanza tiegħu biex isibu t-toroq sodi fil-ħajja komuni, jew għaliex jesperimentaw ix-xewqa tad-dawl f'nofs id-dlam, imma wkoll għaliex, huma u jħossu kemm hi kbira u sabiħa l-ħajja, jintebħu li l-preżenza ta' Alla tagħmilha wisq akbar. Jirrakkonta Sant'Irinew ta' Lyon li Abraham, qabel ma sema' leħen Alla, kien diġà qiegħed ifittxu "fix-xewqa taħraq ta' qalbu", u "ġera mad-dinja kollha, jistaqsi fejn kien Alla", sakemm "Alla ħenn għalih li kien qiegħed ifittxu waħdu fis-skiet."[32] Min jibda jimxi biex jagħmel it-tajjeb ikun diġà resaq lejn Alla, ikun diġà mwieżen bl-għajnuna tiegħu, għax hi ħaġa tad-dinamika tad-dawl divin li jdawlilna għajnejna meta nimxu lejn il-milja tal-imħabba.

*Fidi u teoloġija*

**36.** Billi l-fidi hija dawl, tistedinna nidħlu fiha, biex nesploraw dejjem aktar ix-xefaq li jdawwal, biex nagħrfu aħjar dak li nħobbu. Minn dix-xewqa titwieled it-teoloġija Nisranija. Hi ħaġa ċara, mela, li t-teoloġija hi impossibbli mingħajr fidi u li hi tagħmel sehem mill-process tal-fidi nfisha, li jfittex l-intelliġenza l-aktar profonda ta' Alla li jirrevela lilu nnifsu, li tilħaq il-quċċata fil-Misteru ta' Kristu. L-ewwel konsegwenza hi li fit-teoloġija ma jingħatax biss sforz tar-raġuni biex wieħed jifli u jagħraf, bħalma jsir fix-xjenzi sperimentali. Lil Alla ma nistgħux nagħmluh oġġett. Huwa Suġġett li jingħaraf u jidher fir-relazzjoni bejn persuna u oħra. Il-fidi retta tmexxi r-raġuni biex tinfetaħ għad-dawl li jiġi minn Alla, biex hi, immexxija mill-imħabba għall-verità, tkun tista' tagħraf lil Alla b'mod aktar profond.

[31] Ara Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, Dik. *Dominus Iesus* (6 ta' Awwissu 2000), 15: *AAS* 92 (2000), 756.
[32] *Demonstratio apostolicae praedicationis*, 24: *SC* 406, 117.

L-imgħallmin u t-teoloġi l-kbar taż-Żmien tan-Nofs urew li t-teoloġija, bħala xjenza tal-fidi, hi parteċipazzjoni fl-għarfien li Alla għandu tiegħu nnifsu. It-teoloġija, mela, mhijiex biss kelma dwar Alla, iżda qabel xejn hi akkoljenza u tiftix ta' intelliġenza aktar profonda ta' dik il-kelma li Alla jagħtina, kelma li Alla jlissen fuqu nnifsu, għaliex huwa djalogu dejjiem ta' komunjoni, u jdaħħal lill-bniedem fil-ġewwieni ta' dan id-djalogu.[33] Mela tagħmel parti mit-teoloġija l-umiltà li tħalli 'l Alla "jmissha", tagħraf il-limiti tagħha quddiem il-Misteru u titħabat biex tesplora, bid-dixxiplina tar-raġuni, l-għana bla qjies ta' dan il-Misteru.

It-teoloġija mbagħad taqsam il-forma ekkleżjali tal-fidi; id-dawl tagħha huwa d-dawl tas-suġġett li jemmen li hu l-Knisja. Dan, minn naħa, jimplika li t-teoloġija hi għall-qadi tal-fidi tal-Insara, bl-umiltà hi tħares u tidħol fil-fond tat-twemmin ta' kulħadd, l-aktar nett tal-aktar nies sempliċi. Barra minn dan, it-teoloġija, billi tgħix bil-fidi, ma tqisx il-Maġisteru tal-Papa u tal-Isqfijiet f'għaqda miegħu bħala xi ħaġa barranija, limitu għal-libertà tagħha, iżda bil-maqlub, bħala wieħed mill-waqtiet ġewwiena tagħha, li jibnuha, għaliex il-Maġisteru jassigura l-kuntatt mal-għajn oriġinarja, u għalhekk jagħti ċ-ċertezza li tkun qed tittieħed il-kelma ta' Kristu fis-sħuħija tagħha.

[33] Ara Bonaventura, *Breviloquium, prol.: Opera Omnia*, V, Quaracchi 1891, p. 201; *In I Sent. Proem*, q. 1, resp.: Opera Omnia, I, Quaracchi 1891, p. 7; Tumas ta' Aquino, *S. Th.* I, q. 1.

IT-TIELET KAPITLU

# INXANDRILKOM DAK LI RĊEVEJT JIEN

(ara 1Kor 15: 3)

*Il-Knisja, omm il-fidi tagħna*

**37.** Min jinfetaħ għall-imħabba ta' Alla, sema' leħnu u rċieva d-dawl tiegħu, ma jistax iżomm dan id-don għalih. Billi l-fidi hija smigħ u li wieħed jara, hija tixxandar ukoll bħala kelma u bħala dawl. Huwa u jkellem lill-Korintin, l-Appostlu Pawlu nqeda sewwasew b'dawn iż-żewġ xbihat. Minn naħa, hu jgħid: "Imma billi aħna għandna l-istess spirtu ta' fidi li fuqu hemm miktub: *'Emmint, u għalhekk tkellimt,'* aħna wkoll emminna, u għalhekk tkellimna" (2 Kor 4: 13). Il-kelma li tasal għandna ssir tweġiba, stqarrija tal-fidi, u hekk tinstema' għall-oħrajn, hija u tistedinhom jemmnu. Mill-oħra, San Pawl jirreferixxi wkoll għad-dawl: "Aħna lkoll, li b'wiċċna mikxuf nirriflettu bħal f'mera l-glorja tal-Mulej, qegħdin ninbidlu fl-istess xbieha" (2 Kor 3: 18). Huwa dawl li jidher jiddi minn wiċċ għal wiċċ, bħalma Mosè ġarr fih ir-rifless tal-glorja ta' Alla wara li tkellem miegħu: "[Alla] idda fi qlubna biex jagħtina d-dawl tal-għarfien tal-glorja ta' Alla, li tiddi f'wiċċ Kristu" (2 Kor 4: 6). Id-dawl ta' Kristu jiddi, bħal f'mera, fuq wiċċ l-Insara u hekk jixtered, hekk jasal għandna, biex aħna wkoll inkunu nistgħu nieħdu sehem f'din il-viżjoni u nwasslu lill-oħrajn id-dawl tiegħu, bħalma fil-liturġija tal-Għid id-dawl tal-blandun jixgħel ħafna aktar xemgħat. Il-fidi tixxandar, biex ngħidu hekk, bħall-kuntatt minn persuna għal oħra, bħalma fjamma titqabbad minn fjamma oħra. L-Insara, fil-faqar tagħhom, jiżirgħu żerriegħa hekk għammiela li ssir siġra kbira li għandha l-ħila timla d-dinja bil-frott.

**38.** Ix-xandir tal-fidi, li tiddi għall-bnedmin kollha ta' kullimkien, jgħaddi wkoll permezz il-mixja taż-żmien, minn nisel għal nisel. Billi l-fidi titwieled minn laqgħa li sseħħ fl-istorja u ddawwal il-mixja tagħna fiż-żmien, hi trid tibqa' tixxandar tul is-sekli. Il-wiċċ ta' Ġesù jasal għandna permezz ta' katina mhux maqtugħa ta' xhieda. Kif jista' jseħħ dan? Kif sa nkunu żguri li nilħqu lil "Ġesù veru" matul is-sekli? Kieku l-bniedem kien individwu iżolat, kieku nkunu rridu nitilqu biss mill-"jien" individwali, li jrid isib fih innifsu ċ-ċertezza tat-tagħrif tiegħu, din iċ-ċertezza ma tkunx possibbli. Ma nistax nara bis-saħħa tiegħi nnifsi dak li ġara fi żmien daqshekk imbiegħed minni. B'danakollu, dan mhuwiex il-mod waħdieni li bih il-bniedem jagħraf. Il-persuna tgħix dejjem f'relazzjoni. Tiġi minn oħrajn, hija ta' oħrajn, ħajjitha tikber aktar fil-laqgħa mal-oħrajn. U anki l-għarfien tiegħek, l-istess kuxjenza tiegħek, hi ta' tip relazzjonali, u hi marbuta ma' oħrajn li ġew qabilna: fl-ewwel post il-ġenituri tagħna, li tawna l-ħajja u l-isem. L-istess lingwaġġ, il-kliem li bih infissru ħajjitna u r-realtà tagħna, jaslilna permezz tal-oħrajn, miżmum fil-memorja ħajja tal-oħrajn. L-għarfien

tagħna nfusna hu possibbli biss meta nieħdu sehem minn memorja akbar. Hekk isir ukoll fil-fidi, li twassal fil-milja l-mod uman tal-fehem. L-imgħoddi tal-fidi, dak l-att ta' mħabba ta' Ġesù li nissel fid-dinja ħajja ġdida, jiġina mill-memorja tal-oħrajn, tax-xhieda, miżmum ħaj f'dak is-suġġett waħdieni ta' memorja li hu l-Knisja. Il-Knisja hija Omm li tgħallimna nitkellmu l-lingwaġġ tal-fidi. San Ġwann insista fuq dan l-aspett fil-Evanġelju tiegħu, filwaqt li għaqqad flimkien fidi u memorja, u rabathom it-tnejn mal-azzjoni tal-Ispirtu s-Santu, li kif jgħid Ġesù, "ifakkarkom kollox" (Ġw 14: 26). L-imħabba li hi l-Ispirtu, u li tgħammar fil-Knisja, iżżomm magħqudin bejniethom iż-żminijiet kollha u tagħmilna nies ta' żmien Ġesù, u b'hekk issir il-gwida ta' mixjitna fil-fidi.

**39.** Ma nistgħux nemmnu waħedna. Il-fidi mhijiex biss għażla individwali li sseħħ fil-ġewwieni ta' min jemmen, mhijiex relazzjoni iżolata bejn il-"jien" tal-fidil u l-"Int" divin, bejn is-suġġett awtonomu u Alla. Hi tinfetaħ, min-natura tagħha, għall-"aħna", isseħħ dejjem fi ħdan l-għaqda tal-Knisja. Il-forma djalogata tal-*Kredu*, li tintuża fil-liturġija tal-magħmudija, dan tfakkarhulna. It-twemmin jitfisser bħala tweġiba għal stedina, għal kelma li trid tinstema' u li ma tiġix minni, u għalhekk tidħol fil-ġewwieni ta' djalogu, ma jistax ikun biss stqarrija li tiġi mill-individwu. Tista' biss twieġeb fl-ewwel persuna, "jiena nemmen", għax jingħad ukoll "aħna nemmnu". Dan il-ftuħ għall-"aħna" ekkleżjali jseħħ skont il-ftuħ proprju tal-imħabba ta' Alla, li mhijiex biss relazzjoni bejn Missier u Iben, bejn "Jien" u "Int", imma fl-Ispirtu hi wkoll "Aħna", komunjoni ta' persuni. Dan hu għaliex min jemmen qatt mhu waħdu, u għaliex il-fidi għandha t-tendenza li tixtered, li tistieden lill-oħrajn għall-hena tagħha. Min jirċievi l-fidi jara li l-ispazji tal-"jien" tiegħu jitwessgħu, u jnisslu fih relazzjonijiet ġodda li jagħnu l-ħajja. Tertulljanu dan fissru tajjeb meta tkellem fuq il-katekumenu, li "wara l-ħasla tat-twelid il-ġdid" jintlaqa' f'dar l-Omm biex jiftaħ idejh u jitlob, flimkien mal-aħwa, il-Missierna, bħala wieħed milqugħ f'familja ġdida.[34]

*Is-Sagramenti u t-trasmissjoni tal-fidi*

**40.** Il-Knisja, bħal kull familja, ixxandar lil uliedha l-kontenut tal-memorja tagħha. Dan kif tagħmlu, biex xejn ma jintilef, u biex kollox jitfisser dejjem aktar fil-profond fil-wirt tal-fidi? Hu permezz tat-Tradizzjoni Appostolika miżmuma fil-Knisja bil-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu, li aħna għandna kuntatt ħaj mal-memorja tal-bidu. U dak kollu li xxandar mill-Appostli – kif jgħid il-Konċilju Vatikan II – "iħaddan dak kollu li jiswa biex tgħix il-ħajja qaddisa u biex tkabbar il-fidi tal-Poplu ta' Alla, u hekk f'tagħlimha, f'ħajjitha u fil-kult

[34] Ara *De Baptismo*, 20, 5: *CCL* 1, 295.

tagħha l-Knisja żżomm dejjem għaddej u xxandar lill-ġenerazzjonijiet kollha dak kollu li hi, dak kollu li temmen."[35]

Il-fidi, infatti, teħtieġ ambjent li fih tista' tixhed u tikkomunika, u li dan ikun jikkorrispondi u jkun proporzjonat ma' dak li trid tikkomunika. Biex ixxandar kontenut li hu biss duttrinali, idea, ktieb jew ripetizzjoni ta' messaġġ bil-fomm jista' jkun biżżejjed. Imma dak li hu mxandar fil-Knisja, dak li hu trasmess fit-Tradizzjoni ħajja tagħha, hu d-dawl il-ġdid li jiġi mil-laqgħa ma' Alla l-ħaj, dawl li jmiss il-persuna fil-qalba tagħha, fil-qalb, filwaqt li jmiss il-moħħ, ir-rieda u l-affettività tagħha u jiftaħha għal relazzjonjijiet ħajjin fil-għaqda ma' Alla u mal-oħrajn. Biex tixxandar milja bħal din jeżisti mezz speċjali, li jolqot il-persuna kollha, ġisem u ruħ, fil-ġewwieni u fir-relazzjonijiet. Dan il-mezz huwa s-sagramenti, iċċelebrati fil-liturġija tal-Knisja. Fihom tixxandar memorja inkarnata, marbuta mal-postijiet u ż-żminijiet tal-ħajja, imsieħba mas-sensi kollha; fihom il-persuna tintlaqat, għax hi membru ta' suġġett ħaj, f'nisġa ta' relazzjonjijiet komunitarji. Għalhekk, jekk hu minnu li s-sagramenti huma s-sagramenti tal-fidi,[36] jeħtieġ ukoll jingħad li l-fidi għandha struttura sagramentali. Il-qawmien tal-fidi jgħaddi mill-qawmien ta' sens sagramentali ġdid ta' ħajjet il-bniedem u tal-eżistenza Nisranija, filwaqt li juri kif dak li jidher u li hu materjali jinfetaħ għall-misteru tal-etern.

**41.** It-trasmissjoni tal-fidi ssir l-ewwel nett permezz tal-Magħmudija. Jista' jidher li l-Magħmudija hija biss mod biex nissimbolizzaw l-istqarrija tal-fidi, att pedagoġiku għal min jeħtieġ xbihat u ġesti, iżda li nistgħu noqogħdu mingħajrhom. Kelma ta' San Pawl dwar il-Magħmudija tfakkarna li mhux hekk. Hu jgħid: "Indfinna ma' Kristu permezz tal-magħmudija biex kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida" (Rum 6: 4). Bil-Magħmudija nsiru ħolqien ġdid u wlied adottivi ta' Alla. L-Appostlu jgħid imbagħad li n-Nisrani kien afdat f'"għamla ta' tagħlim" (*typos didachés*), li hu jobdiha mill-qalb (ara Rum 6: 17). Fil-Magħmudija l-bniedem jingħata wkoll duttrina biex jistqarrha u għamla konkreta ta' ħajja li titlob l-impenn tal-persuna kollha tiegħu u tmexxih lejn il-ġid. Jinġarr f'ambjent ġdid, imħolli f'ambjent ġdid, mod ġdid ta' ħidma komuni, fil-Knisja. Il-Magħmudija tfakkarna li l-fidi mhijiex opra tal-individwu waħdu, mhijiex att li l-bniedem jista' jagħmlu huwa u jistrieħ biss fuq il-forzi tiegħu, iżda trid tintlaqa' fi ħdan l-għaqda tal-Knisja li tittrasmetti d-don ta' Alla: ħadd ma jgħammed lilu nnifsu, bħalma wkoll ħadd ma jitwieled waħdu fl-eżistenza. Aħna konna mgħammdin.

[35] Kost. Dogm. dwar ir-Rivelazzjoni divina *Dei Verbum*, 8.

[36] Ara Konċ. Ekum. Vat, II, Kost. dwar il-Liturġija mqaddsa *Sacrosanctum Concilium*, 59.

**42.** Liema huma l-elementi tal-Magħmudija li jdaħħluna f'din "l-għamla ġdida ta' tagħlim"? Fuq il-katekumenu jissejjaħ l-ewwel nett isem it-Trinità: il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu. Hekk sa mill-bidu tingħata sinteżi tal-mixja tal-fidi. Alla li sejjaħ lil Abraham u ried jissejjaħ Alla tiegħu, Alla li wera ismu lil Mosè, Alla li huwa u jagħtina lil Ibnu, uriena bis-sħiħ il-misteru ta' Ismu, jagħti lill-imgħammed identità filjali ġdida. B'dan il-mod tidher it-tifsira tal-għemil li jsir fil-Magħmudija, l-immersjoni fl-ilma: l-ilma hu fl-istess ħin simbolu tal-mewt, li jistedinna ngħaddu għall-konverżjoni tal-"jien", bi tħejjija għall-ftuħ tiegħu lejn "jien" akbar; iżda huwa wkoll simbolu tal-ħajja, tal-ġuf li fih nerġgħu nitwieldu aħna u nimxu wara Kristu fl-eżistenza l-ġdida. B'dan il-mod, bl-immersjoni fl-ilma, il-Magħmudija tkellimna fuq l-istruttura inkarnata tal-fidi. L-azzjoni ta' Kristu tmissna fir-realtà personali tagħna, u tbiddilna mill-għeruq, tagħmilna wlied adottivi ta' Alla, tagħtina sehem min-natura divina; hekk timmodifika r-rabtiet kollha tagħna, il-qagħda konkreta tagħna fid-dinja u fl-univers, u tiftaħhom għall-istess ħajja tagħha ta' għaqda. Dan id-dinamiżmu ta' bidla proprju tal-Magħmudija jgħinna nifhmu l-importanza tal-katekumenat, li llum, anki fis-soċjetajiet b'għeruq Insara qodma, li fihom għadd dejjem jikber ta' adulti jersqu lejn is-sagrament tal-Magħmudija, għandu importanza singulari għall-evanġelizzazzjoni l-ġdida. Hija t-triq ta' tħejjija għall-Magħmudija, għall-bidla tal-eżistenza sħiħa fi Kristu.

Biex nifhmu r-rabta bejn il-Magħmudija u l-fidi, tista' tgħinna silta mill-profeta Isaija, li ntrabtet mal-Magħmudija fil-letteratura Nisranija antika: "Fortizzi taż-żonqor il-kenn tiegħu [...] u l-ilma qatt ma jonqsu" (Is 33: 16).[37] L-imgħammed, meħlus mill-ilma tal-mewt, seta' jqum fuq saqajh fuq "blata qawwija", għax ikun sab is-sod li jista' jafdah. Hekk, l-ilma tal-mewt inbidel f'ilma tal-ħajja. It-test Grieg isejjaħlu ilma *pistós*, ilma "fidil". L-ilma tal-Magħmudija hu fidil għaliex nistgħu nafdawh, għaliex in-nixxiegħa tiegħu ddaħħalna fid-dinamika tal-imħabba ta' Ġesù, għajn ta' sikurezza għall-mixja tagħna fil-ħajja.

**43.** L-istruttura tal-Magħmudija, l-għamla tagħha bħala twelid mill-ġdid, li fih jingħatalna isem ġdid u ħajja ġdida, tgħinna nifhmu t-tifsira u l-importanza tal-Magħmudija tat-trabi. It-tarbija mhijiex kapaċi tagħmel att ħieles li bih tilqa' l-fidi, għadha ma tistax tistqarrha waħedha, u sewwasew għalhekk jistqarruha l-ġenituri u l-parrini tagħha f'isimha. Il-fidi tingħax fil-ġewwieni tal-komunità tal-Knisja, hi mdaħħla fl-"aħna" komuni. Hekk, it-tarbija tista' titwieżen minn oħrajn, mill-ġenituri tagħha u l-parrini, u tista' tinstema' fil-fidi tagħhom, li hi l-fidi tal-Knisja, simbolizzata fid-dawl li l-missier jieħu mill-blandun fil-liturġija tal-Magħmudija. Din l-istruttura tal-Magħmudija turi l-importanza tal-għaqda bejn il-Knisja u l-familja fit-trasmissjoni tal-fidi. Il-ġenituri huma msejħin, kif jgħid Santu Wistin, mhux biss biex inisslu l-ulied għall-ħajja, iżda biex iressquhom lejn Alla biex permezz tal-Magħmudija

[37] Ara *Epistula Barnabae*, 11, 5: *SC* 172, 162.

jkunu mnisslin mill-ġdid bħala wlied Alla, u jingħataw id-don tal-fidi.[38] Hekk, flimkien mal-ħajja, tingħatalhom id-direzzjoni fundamentali tal-eżistenza u s-sikurezza ta' ġejjieni tajjeb, direzzjoni li mbagħad tissaħħaħ fis-Sagrament tal-Griżma bis-siġill tal-Ispirtu s-Santu.

**44.** In-natura sagramentali tal-fidi ssib l-aqwa tifsira tagħha fl-Ewkaristija. Hija ikel għażiż tal-fidi, laqgħa ma' Kristu preżenti b'mod reali b'att mill-aktar għoli ta' mħabba, l-għotja tiegħu nnifsu li tnissel il-ħajja. Fl-Ewkaristija nsibu salib it-toroq fejn jiltaqgħu ż-żewġ rotot li fuqhom il-fidi tintelaq f'mixjitha. Minn naħa, ir-rotta tal-istorja: l-Ewkaristija hi att tal-memorja, attwalizzazzjoni tal-misteru, li fih l-imgħoddi, bħala ġrajja ta' mewt u qawmien, juri l-ħila tiegħu li jiftaħ għall-ġejjieni, li jantiċipa l-milja tal-aħħar. Il-liturġija tfakkarhulna bl-*hodie* tagħha, "illum" tal-misteri tas-salvazzjoni. Minn naħa oħra, hawn tinsab ukoll ir-rotta li twassal mid-dinja li tidher għal dak li ma jidhirx. Fl-Ewkaristija nitgħallmu naraw il-profondità tar-realtà. Il-ħobż u l-inbid jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, li jidher preżenti fil-mixja paskwali tiegħu lejn il-Missier: dan il-moviment idaħħalna b'ruħna u ġisimna fil-moviment tal-ħolqien kollu lejn il-milja tiegħu f'Alla.

**45.** Fiċ-ċelebrazzjoni tas-Sagramenti, il-Knisja tittrasmetti l-memorja tagħha, l-aktar nett bl-istqarrija tal-fidi. Fiha aħna nuru mhux tant l-assens għal ġabra ta' veritajiet astratti. Bil-maqlub, fl-istqarrija tal-fidi, il-ħajja kollha tidħol f'mixja lejn l-għaqda sħiħa ma' Alla l-ħaj. Nistgħu ngħidu li fil-*Kredu* min jemmen hu mistieden jidħol fil-misteru li jistqarr u jħalli lilu nnifsu jinbidel minn dak li jistqarr. Biex nifhmu t-tifsira ta' dan, naħsbu l-ewwel nett fil-kontenut tal-*Kredu*. Huwa għandu struttura trinitarja: il-Missier u l-Iben jingħaqdu fl-Ispirtu tal-imħabba. Min jemmen jgħid li l-qalba tal-esseri (kewn), is-sigriet l-aktar profond ta' kollox, huwa l-għaqda divina. Barra minn dan, il-*Kredu* għandu fih ukoll stqarrija Kristoloġika: lista tal-misteri tal-ħajja ta' Ġesù, sal-Mewt, il-Qawmien u t-Tlugħ fis-Sema tiegħu, fl-istennija tat-tieni miġja tiegħu fil-glorja. Jingħad għalhekk li dan Alla-komunjoni, imħabba reċiproka bejn il-Missier u l-Iben fl-Ispirtu, għandu l-ħila jħaddan l-istorja tal-bniedem, idaħħlu fid-dinamiżmu tiegħu ta' komunjoni, li għandha fil-Missier il-bidu u l-għan aħħari tagħha. Min jistqarr il-fidi, jara lilu nnifsu mdaħħal fil-verità li jistqarr. Ma jistax ilissen bil-verità l-kliem tal-*Kredu*, mingħajr hu stess ma jinbidel, mingħajr ma jidħol fl-istorja ta' mħabba li tħaddnu, li twessagħlu l-esseri tiegħu (kewnu) u tagħmlu parti minn għaqda akbar, mis-suġġett aħħari li jlissen il-*Kredu* li hu l-Knisja. Il-veritajiet kollha li nemmnu fihom juru l-misteru tal-ħajja l-ġdida tal-fidi bħala mixja ta' komunjoni ma' Alla l-ħaj.

[38] Ara *De nuptiis et concupiscentia*, I, 4, 5: *PL* 44, 413: *"Habent quippe intentionem generandi regenerandos, ut qui ex eis saeculi filii nascuntur in Dei filios renascantur."*

**46.** Żewġ elementi oħra huma essenzjali fit-trasmissjoni fidila tal-memorja tal-Knisja. L-ewwel nett, it-talba ta' Sidna, il-Missierna. Fiha n-Nisrani jitgħallem jaqsam l-istess esperjenza spiritwali ta' Kristu u jibda jara b'għajnejn Kristu. Billi nibdew minn dak li hu Dawl minn Dawl, mill-Iben il-Waħdieni tal-Missier, nagħrfu lil Alla aħna wkoll u nkunu nistgħu nkebbsu fl-oħrajn ix-xewqa li jersqu lejh.

Barra minn dan, hi daqstant ieħor importanti r-rabta bejn il-fidi u d-Dekalogu. Għidna li l-fidi tidher bħala mixja, triq li rridu nimxuha, miftuħa għal-laqgħa ma' Alla l-ħaj. Għalhekk, fid-dawl tal-fidi, f'li wieħed jintelaq b'mod sħiħ f'idejn Alla li jsalva, id-Dekalogu jikseb il-verità tiegħu l-aktar profonda, li tinsab fid-daħla tal-għaxar kmandamenti: "Jiena hu l-Mulej, Alla tiegħek, li ħriġtek mill-art tal-Eġittu" (Eż 20: 2). Id-Dekalogu mhuwiex ġabra ta' preċetti negattivi, iżda ta' indikazzjonijiet konkreti biex noħorġu mid-deżert tal-"jien" li jipponta fuqu nnifsu, magħluq fih innifsu, u nidħlu fi djalogu ma' Alla, u nħallu l-ħniena tiegħu tħaddanna biex inġorru l-ħniena tiegħu. Il-fidi hekk tistqarr l-imħabba ta' Alla, bidu u sostenn ta' kollox, tħalli lil din l-imħabba turiha t-triq biex timxi lejn il-milja tal-għaqda ma' Alla. Id-Dekalogu jidher bħala l-mixja tal-gratitudni, tat-tweġiba tal-imħabba, possibbli għaliex fil-fidi aħna nftaħna għall-esperjenza tal-imħabba ta' Alla għalina li taf tbiddilna. U din il-mixja tirċievi dawl ġdid minn dak kollu li Ġesù jgħallem fid-Diskors tal-Muntanja (ara Mt 5-7).

Hekk missejt l-erba' elementi li jħaddnu t-teżor tal-memorja li l-Knisja xxandar: l-Istqarrija tal-fidi, iċ-ċelebrazzjoni tas-Sagramenti, il-mixja tad-Dekalogu, it-talb. Il-katekeżi tal-Knisja, tradizzjonalment, kienet mibnija fuqhom, inkluż il-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, għodda fundamentali għal dak l-att unitarju li bih il-Knisja tikkomunika l-kontenut sħiħ tal-fidi, "dak kollu li hi, dak kollu li hi temmen."[39]

*L-unità u l-integrità tal-fidi*

**47.** L-għaqda tal-Knisja, fiż-żmien u fl-ispazju, hi marbuta mal-għaqda tal-fidi: "Ġisem wieħed u ruħ wieħed [...] fidi waħda" (Ef 4: 4-5). Illum tista' tidher li hi ħaġa li tista' ssir bl-għaqda tal-bnedmin f'impenn komuni, fl-imħabba ta' xulxin, fil-qsim tal-istess xorti, f'għan komuni. Iżda qed insibuha diffiċli ħafna naħsbu f'għaqda fl-istess verità. Jidhrilna li għaqda bħal din tmur kontra l-ħelsien tal-ħsieb u l-awtonomija tas-suġġett. Iżda l-esperjenza tal-imħabba tgħidilna li sewwasew fl-imħabba jista' jkun hemm viżjoni komuni, li fiha nitgħallmu naraw ir-realtà bl-għajnejn tal-ieħor, u li dan ma jfaqqarniex, iżda jagħni ħarsitna. L-imħabba vera, skont il-qjies tal-imħabba ta' Alla, trid il-verità u fil-ħarsa komuni tal-

[39] Konċ. Ekum. Vat. II, Kost. Dogm. dwar ir-Rivelazzjoni Divina *Dei Verbum*, 8.

verità, li hi Ġesù Kristu, issir soda u profonda. Dan hu wkoll il-ferħ tal-fidi, l-għaqda ta' viżjoni f'ġisem wieħed u ruħ waħda. F'dan is-sens Sant'Iljun il-Kbir seta' jgħid: "Jekk il-fidi mhijiex waħda, mhijiex fidi."[40]

X'inhu s-sigriet ta' din l-għaqda? Il-fidi hi "waħda", l-ewwel nett, minħabba l-għaqda ta' Alla magħruf u mistqarr. L-artikli kollha tal-fidi jirreferixxu għalih, huma toroq biex nagħrfu lilu u l-aġir tiegħu, u għalhekk għandhom għaqda ogħla minn kull waħda oħra li nistgħu nistħajlu bi ħsiebna, għandhom l-għaqda li tagħnina, għax tingħata lilna u tagħmilna wieħed.

Barra minn dan, il-fidi hija waħda għax iddur fuq Mulej wieħed, fuq il-ħajja ta' Ġesù, fuq l-istorja konkreta tiegħu li taqsamha magħna. Sant'Irinew ta' Lyon dan iċċarah kontra l-eretiċi njostiċi. Dawn kienu jżommu l-eżistenza ta' żewġ tipi ta' fidi, fidi goffa, il-fidi tas-sempliċi, imperfetta, li kienet tibqa' fuq il-livell tal-ġisem ta' Kristu u tal-kontemplazzjoni tal-misteri tiegħu; u tip ieħor ta' fidi aktar profond u perfett, il-fidi vera riservata għal ċirku ċkejken ta' inizjati li kien jogħla bl-intellett lil hinn mill-ġisem ta' Ġesù lejn il-misteri tad-divinità mhux magħrufa. Quddiem din il-pretensjoni, li għad għandha s-seħer tagħha u s-segwaċi tagħha anki fi żmienna, Sant'Irinew jerġa' jgħid li l-fidi hi waħda, għax dejjem tgħaddi mill-punt konkret tal-Inkarnazzjoni, mingħajr ma tmur lil hinn mill-ġisem u l-istorja ta' Kristu, mill-waqt li Alla ried juri ruħu bis-sħiħ fiha. Hu minħabba f'hekk li mhemmx differenza fil-fidi bejn "dak li għandu l-ħila jitkellem aktar fit-tul dwarha" u "dak li jitkellem ftit", bejn dak li hu superjuri u dak li hu anqas kapaċi: la l-ewwel wieħed ma jista' jkabbar il-fidi, u lanqas it-tieni wieħed ma jnaqqasha.[41]

Fl-aħħar nett, il-fidi hi waħda għaliex taqsam u tieħu minnha l-Knisja kollha, li hi ġisem wieħed u Spirtu wieħed. Fil-komunjoni tal-uniku suġġett li hu l-Knisja, nirċievu ħarsa komuni. Aħna u nistqarru l-istess fidi nistrieħu fuq l-istess blata, ninbidlu mill-istess Spirtu tal-imħabba, minna joħroġ dawl waħdieni u għandna ħarsa waħdiena biex ninfdu r-realtà.

**48.** La l-fidi hi waħda, għandha tkun mistqarra fis-safa kollu u fis-sħuħija kollha tagħha. Sewwasew għaliex l-artikli kollha tal-fidi huma marbutin f'għaqda, jekk niċħdu wieħed minnhom, anki minn dawk li jidhru anqas importanti, inkunu nħassru kollox. Kull żmien jista' jsib punti tal-fidi eħfef jew itqal biex jintlaqgħu: għalhekk hi importanti l-għassa biex jixxandar id-depositu kollu tal-fidi (ara 1Tim 6: 20), biex wieħed jinsisti tajjeb fuq l-aspetti kollha tal-istqarrija tal-fidi. Infatti, billi l-unità tal-fidi hija l-unità tal-Knisja, jekk inħallu barra xi ħaġa mill-fidi nkunu nħallu barra xi ħaġa mill-verità tal-komunjoni. Il-Missirijiet iddeskrivew il-fidi bħala ġisem, il-ġisem tal-verità, b'diversi membri, bi qbil mal-ġisem ta' Kristu u mal-prolungament tiegħu fil-Knisja.[42] L-integrità tal-fidi ntrabtet ukoll max-

[40] *In nativitate Domini sermo* 4, 6: *SC* 22, 110.
[41] Ara Irinew, *Adversus haereses*, I, 10, 2: *SC* 264, 160.
[42] Ara *l-istess*, II, 27, 1: *SC* 294, 264.

xbieha tal-Knisja verġni, minħabba l-fedeltà tagħha fl-imħabba ta' għarusa għal Kristu: jekk nagħmlu l-ħsara lill-fidi nkunu nagħmlu l-ħsara lill-komunjoni mal-Mulej.[43] L-unità tal-fidi hija għalhekk dik ta' organiżmu ħaj, kif fisser tajjeb il-Beatu John Henry Newman meta daħħal, fost il-karatteristiċi tal-kontinwità tad-duttrina fiż-żmien, is-setgħa tagħha li tassimila fiha dak kollu li ssib, fl-ambjenti diversi li fihom issib ruħha, fil-kulturi diversi li magħhom tiltaqa',[44] hija u ssaffi kollox u ġġorru lejn l-aħjar espressjoni tiegħu. Il-fidi b'hekk tidher universali, kattolika, għaliex id-dawl tagħha jikber biex idawwal l-univers kollu u l-istorja kollha.

**49.** Bħala servizz għall-unità tal-fidi u għax-xandir sħiħ tagħha, il-Mulej ta lill-Knisja d-don tas-suċċessjoni appostolika. Permezz tagħha tingħata l-garanzija tal-kontinwità tal-memorja tal-Knisja u wieħed jista' jasal b'ċertezza fl-għajn safja li minnha toħroġ il-fidi. Il-garanzija tar-rabta mal-bidu hi għalhekk mogħtija minn persuni ħajjin, u dan jaqbel mal-fidi ħajja li l-Knisja xxandar. Hi tistrieħ fuq il-fedeltà tax-xhieda li l-Mulej għażilhom għal dan ix-xogħol. Għalhekk il-Maġisteru dejjem jitkellem f'ubbidjenza lejn il-kelma oriġinarja li fuqha jsejjes il-fidi u wieħed jista' joqgħod fuqu għaliex hu joqgħod fuq il-kelma li jisma', iħarisha u juriha.[45] Fid-diskors li bih sellem għall-aħħar darba lill-anzjani ta' Efesu, f'Mileto, li San Luqa ġabar fl-Atti tal-Appostli, San Pawl jixhed li temm l-inkarigu li l-Mulej ħallielu f'idejh li jxandar "dak kollu li Alla jrid" (Atti 20: 27). Hu bis-saħħa tal-Maġisteru tal-Knisja li din ir-rieda tista' tasal għandna sħiħa, u magħha l-hena li nistgħu ntemmuha b'mod sħiħ.

---

[43] Ara Wistin, *De sancta virginitate*, 48, 48: *PL* 40, 424-425: *"Servatur et in fide inviolata quaedam castitas virginalis, qua Ecclesia uni viro virgo casta coaptatur."*

[44] Ara *An Essay on the Development of Christian Doctrine*, Uniform Edition: Longmans, Green and Company, London, 1868-1881, 185-189.

[45] Ara Konċ. Ekum. Vat. II, Kost. Dogm. dwar ir-Rivelazzjoni Divina *Dei Verbum*, 10.

IR-RABA' KAPITLU

# ALLA JĦEJJI BELT GĦALIHOM

(ara Lhud 11: 16)

*Il-fidi u l-ġid komuni*

**50.** Hija u tippreżenta l-istorja tal-Patrijarki u tan-nies tajba tat-Testment il-Qadim, l-Ittra lil-Lhud tqiegħed fil-wiċċ aspett essenzjali tal-fidi tagħhom. Hi ma tidhirx biss bħala mixja, imma wkoll bħala l-bini, it-tħejjija ta' post li fih il-bniedem jista' jgħammar flimkien mal-oħrajn. L-ewwel bennej hu Noè, li fl-arka seħħlu jsalva l-familja tiegħu (ara Lhud 11: 7). Imbagħad jidher Abraham, li dwaru jingħad li bil-fidi għammar f'tined, huwa u jistenna l-belt b'sisien sodi (ara Lhud 11: 9-10). Tqum, għalhekk, b'rabta mal-fidi, affidabbiltà ġdida, solidità ġdida, li Alla biss jista' jagħtiha. Jekk il-bniedem tal-fidi jistrieħ fuq Alla-Ammen, fuq Alla l-fidil (ara Is 65: 16), u hekk isir hu nnifsu sod, nistgħu nżidu li s-sodizza tal-fidi tirreferixxi wkoll għall-belt li Alla qed iħejji għall-bniedem. Il-fidi turi kemm jistgħu jkunu sodi r-rabtiet bejn il-bnedmin, meta Alla jkun preżenti f'nofshom. Hi ma ssemmix biss solidità ġewwiena, konvinzjoni stabbli ta' min jemmen; il-fidi ddawwal ukoll ir-rabtiet bejn il-bnedmin, għax titwieled mill-imħabba u tirrifletti l-imħabba nfisha ta' Alla. Alla li tista' tafdah jagħti lill-bnedmin belt li tista' tafdaha.

**51.** Sewwasew bis-saħħa tar-rabta tiegħu mal-imħabba (ara Gal 5: 6), id-dawl tal-fidi jidħol fil-qadi konkret tal-ġustizzja, tad-dritt u tal-paċi. Il-fidi titwieled mil-laqgħa mal-imħabba oriġinarja ta' Alla li fih jidhru t-tifsira u t-tjieba ta' ħajjitna; din tiddawwal skont kemm tidħol fid-dinamiżmu miftuħ ta' din l-imħabba, daqskemm jiġifieri ssir mixja u prattika li jwasslu lejn il-milja tal-imħabba. Id-dawl tal-fidi jista' jagħti valur lill-għana tar-relazzjonijiet umani, il-ħila tagħhom li jikbru, li jkunu affidabbli, li jagħnu l-ħajja komuni. Il-fidi ma tbigħedx mid-dinja u mhijiex barranija għall-impenn konkret tan-nies ta' żmienna. Mingħajr imħabba affidabbli xejn ma jista' jżomm tabilħaqq magħqudin lill-bnedmin. L-għaqda bejniethom tkun tiftiehem biss bħala ħaġa msejsa fuq l-utilità, fuq kif ikunu l-interessi, fuq il-biża', iżda mhux fuq it-tjieba tal-għajxien flimkien, mhux fuq l-hena li tista' tqajjem il-preżenza biss tal-ieħor. Bil-fidi nifhmu l-bini tar-rabtiet umani, għaliex nifhmu l-aħħar sies u d-destin definittiv f'Alla, f'imħabbtu, u hekk hi ddawwal l-arti tal-bini, filwaqt li ssir servizz għall-ġid komuni. Iva, il-fidi hi ġid għal kulħadd, hi ġid komuni, id-dawl tagħha ma jdawwalx biss il-ġewwieni tal-Knisja, lanqas ma jservi biss biex jibni belt eterna fil-ħajja taż-żmien li ġej; hi tgħinna nibnu s-soċjetajiet tagħna, b'mod li jimxu lejn ġejjieni ta' tama. L-Ittra lil-Lhud toffri eżempju ta' dan, meta fost in-nies tal-fidi ssemmi lil Samwel u lil David, li lilhom il-fidi ħalliethom "jagħmlu l-ġustizzja" (Lhud 11: 33). L-espressjoni talludi hawn għall-

ġustizzja tagħhom fit-tmexxija, għal dak l-għaqal li jġib il-paċi lill-poplu (ara 1 Sam 12: 3-5; 2 Sam 8: 15). Idejn il-fidi jogħlew lejn is-sema, iżda dan jagħmluh huma u jibnu, fl-imħabba, belt mibnija fuq rabtiet li s-sies tagħhom hu l-imħabba ta' Alla.

*Il-fidi u l-familja*

**52.** Fil-mixja ta' Abraham lejn il-belt tal-ġejjieni, l-Ittra lil-Lhud issemmi l-barka li tgħaddi mill-ġenituri għall-ulied (ara Lhud 11: 20-21). L-ewwel ambjent li fih il-fidi ddawwal il-belt tal-bnedmin jinsab fil-familja. Naħseb qabel xejn fl-għaqda stabbli tar-raġel u l-mara fiż-żwieġ. Hi titwieled minn imħabbithom, sinjal u preżenza tal-imħabba ta' Alla, mill-għarfien u l-aċċettazzjoni tal-ġmiel tad-differenza sesswali, li biha l-miżżewġin jistgħu jingħaqdu f'ġisem wieħed (ara Ġen 2: 24) u għandhom ħila jnisslu ħajja ġdida, wirja tat-tjieba tal-Ħallieq, tal-għerf tiegħu u tal-pjan tiegħu ta' mħabba. Imwaqqfin fuq din l-imħabba, raġel u mara jistgħu jwiegħdu 'l xulxin l-imħabba reċiproka b'ġest li jħaddan il-ħajja kollha u jfakkar f'ħafna aspetti tal-fidi. Il-wegħda ta' mħabba li tkun għal dejjem hi possibbli meta wieħed jikxef pjan akbar mill-proġetti tiegħu, li jsostnina u jħallina nagħtu l-ġejjieni kollu lill-persuna maħbuba. Il-fidi mbagħad tgħinna nilqgħu fil-profondità u l-għana kollu tiegħu t-tnissil tal-ulied, għax tgħarraf fih l-imħabba ħallieqa li tingħatalna u tħallielna f'idejna l-misteru ta' bniedem ġdid. Kien hekk li Sara, bil-fidi tagħha, saret omm, għax qagħdet fuq il-fedeltà ta' Alla lejn il-wegħda tiegħu (ara Lhud 11: 11).

**53.** Fil-familja, il-fidi ssieħeb l-etajiet kollha tal-ħajja, ibda mit-tfulija: it-tfal jitgħallmu jafdaw fl-imħabba tal-ġenituri tagħhom. Għalhekk hu importanti li l-ġenituri jikkultivaw prattiki komuni ta' fidi fil-familja, li jsieħbu l-maturazzjoni tal-fidi ta' wliedhom. Fuq kollox iż-żgħażagħ, li jinsabu f'età tal-ħajja daqshekk kumplessa, għanja u importanti għall-fidi, għandhom iħossu l-attenzjoni tal-familja u tal-komunità ekkleżjali u kemm dawn huma qribhom fil-mixja tagħhom biex ikattru l-fidi. Aħna lkoll rajna kif, fil-Ġranet Dinjin taż-Żgħażagħ, iż-żgħażagħ juru l-ferħ tal-fidi, l-impenn li jgħixu fidi dejjem aktar soda u ġeneruża. Iż-żgħażagħ għandhom ix-xewqa ta' ħajja mimlija. Il-laqgħa ma' Kristu, meta jħallu mħabbtu taħtafhom u tmexxihom, twessa' x-xefaq tal-eżistenza u tagħtihom tama soda li ma tqarraqx. Il-fidi mhijiex kenn għal nies bla kuraġġ, iżda ġġib 'il quddiem il-ħajja tagħna. Hi tikxef sejħa kbira, il-vokazzjoni għall-imħabba, u tiżgura li din l-imħabba hi affidabbli, li wieħed jaqbillu jingħata lilha, għaliex is-sies tagħha jinsab fil-fedeltà ta' Alla, li hi aqwa minn kull dgħufija tagħna.

**54.** Filwaqt li l-fidi hija assimilata u appronfidita fil-familja, hi ssir dawl biex iddawwal ir-relazzjonijiet soċjali kollha. Bħala esperjenza tal-paternità ta' Alla u tal-ħniena ta' Alla, hija mbagħad titwessa' f'mixja fraterna. Fil-"modernità" kien hemm sforz biex tinbena l-fraternità universali bejn il-bnedmin, imsejsa fuq l-ugwaljanza tagħhom. Bil-mod il-mod, iżda, fhimna li din il-fraternità, meta minnha titneħħa r-referenza għal Missier komuni bħala sies aħħari tagħha, ma jseħħilhiex iżżomm. Jeħtieġ għalhekk li nerġgħu lejn l-għerq veru tal-fraternità. L-istorja tal-fidi, sa mill-bidu tagħha, kienet storja ta' fraternità, anki jekk ma kinitx nieqsa minn konflitti. Alla jsejjaħ lil Abraham biex joħroġ minn artu u jwiegħdu li jagħmel minnu ġens kbir wieħed, poplu kbir, li fuqu tistrieħ il-barka ta' Alla (ara Ġen 12: 1-3). Fil-mixja tal-istorja tas-salvazzjoni, il-bniedem jiskopri li Alla jrid lil kulħadd jieħu sehem, bħala aħwa, fil-barka waħdanija, li ssib il-milja tagħha f'Ġesù, biex ikoll isiru ħaġa waħda. L-imħabba bla qjies tal-Missier tingħata lilna f'Ġesù, anki permezz tal-preżenza tal-aħwa. Il-fidi tgħallimna naraw li f'kull bniedem hemm barka għalija, li d-dawl tal-wiċċ ta' Alla jdawwalni permezz tal-wiċċ tal-aħwa.

Kemm benefiċċji ġabet il-ħarsa tal-fidi Nisranija għall-belt tal-bnedmin b'risq il-ħajja komuni tagħhom! Bis-saħħa tal-fidi fhimna d-dinjità unika tal-persuna individwali, li ma kinitx daqshekk evidenti fid-dinja tal-qedem. Fit-tieni seklu, il-pagan Ċelsu ċanfar lill-Insara għal dik li lilu dehritlu bħala illużjoni u qerq: il-ħsieb li Alla ħalaq id-dinja għall-bniedem, u qiegħdu fil-quċċata tal-univers kollu. Dak iż-żmien kienu jistaqsu: "Għaliex ngħidu li [l-ħaxix] jikber għall-bnedmin, u mhux aħjar għall-aktar bhejjem selvaġġi bla raġuni?"[46] "Jekk inħarsu lejn l-art mill-għoli tas-sema, x'differenza tgħaddi bejn il-ħidmiet tagħna u dawk tan-nemel u tan-naħal?"[47] Fil-qalba tal-fidi biblika hemm l-imħabba ta' Alla, il-kura konkreta tiegħu għal kull bniedem, il-pjan tiegħu tas-salvazzjoni li jħaddan l-umanità kollha u l-ħolqien kollu u li jilħaq il-quċċata fl-Inkarnazzjoni, il-Mewt u l-Qawmien ta' Ġesù Kristu. Meta din ir-realtà tiddallam, jonqos il-kriterju biex nagħżlu dak li jagħmel ħajjet il-bniedem għażiża u unika. Hu jitlef postu fl-univers, jintilef fin-natura, filwaqt li jiċħad ir-responsabbiltà morali tiegħu, jonkella jippretendi li jkun imħallef assolut, u jagħti lilu nnifsu setgħa ta' manipulazzjoni bla limiti.

**55.** Barra minn dan, il-fidi hija u turina l-imħabba ta' Alla Ħallieq, iġġagħalna nirrispettaw in-natura aktar, filwaqt li ġġagħalna nagħrfu fiha grammatika miktuba minnu u għamara merħija f'idejna biex tkun ikkultivata u mħarsa; tgħinna nsibu mudelli ta' żvilupp li mhumiex imsejsin biss fuq l-utilità u l-qligħ, iżda li jqisu l-ħolqien bħala don, li għalih aħna lkoll

---

[46] Origene, *Contra Celsum*, IV, 75: *SC* 136, 372.
[47] *L-istess*, 85: *SC* 136, 394.

midjunin; tgħallimna nagħżlu forom ġusti ta' gvern, filwaqt li nagħrfu li l-awtorità tiġi minn Alla biex tkun għall-qadi tal-ġid komuni. Il-fidi trid ukoll il-possibbiltà tal-maħfra, li ħafna drabi teħtieġ iż-żmien, it-taħbit, is-sabar u l-impenn; il-maħfra hi possibbli jekk nifhmu li l-ġid dejjem jiġi qabel u hu aktar b'saħħtu mill-ħażen, li l-kelma li biha Alla jafferma ħajjitna hi aktar profonda miċ-ċaħdiet kollha tagħna. Anki minn punt sempliċement antropoloġiku, l-għaqda hi aqwa mill-konflitt; aktar milli nevitaw il-konflitt, irridu nħabbtu wiċċna miegħu biex negħlbuh, inbiddluh f'ħolqa ta' katina, fi żvilupp lejn l-għaqda.

Meta l-fidi tonqos, hemm ir-riskju li anki s-sisien tal-għajxien jiddgħajfu, kif wissa l-poeta T. S. Eliot: "Għandkom forsi bżonn min jgħidilkom li saħansitra dawk is-suċċessi żgħar / li jħallukom titkabbru fl-istil ta' soċjetà edukata / biex jibqgħu wara l-fidi li minnha jieħdu t-tifsira?"[48] Jekk inneħħu il-fidi f'Alla mill-bliet tagħna, il-fiduċja bejnietna tonqos, nibqgħu magħqudin biss minħabba l-biża', u l-istabbiltà tkun mhedda. L-Ittra lil-Lhud tgħid: "Huwa għalhekk li Alla ma jistmellx jissejjaħ Alla tagħhom, għax hu ħejja belt għalihom" (Lhud 11: 16). Il-kelma "ma jistmellx" hija marbuta ma' għarfien pubbliku. Irid jingħad li Alla jistqarr pubblikament, bl-għemil konkret tiegħu, il-preżenza tiegħu fostna, ix-xewqa tiegħu li jsaħħaħ ir-rabtiet bejn il-bnedmin. Sa nkunu forsi aħna li nistmellu nsejħu lil Alla, Alla tagħna? Sa nkunu aħna li ma nistqarruhx bħala Alla fil-ħajja pubblika tagħna, li ma nipproponux il-kobor tal-ħajja komuni li hu jagħmilha possibbli? Il-fidi ddawwal l-għajxien soċjali; hija għandha dawl kreattiv għal kull waqt ġdid tal-istorja, għaliex tqiegħed il-ġrajjiet kollha f'rabta mal-bidu u d-destin ta' kollox fil-Missier li jħobbna.

*Qawwa li tfarraġ fit-tbatija*

**56.** San Pawl huwa u jikteb lill-Insara ta' Korintu dwar it-tribulazzjonijiet u t-tbatijiet tiegħu, jorbot flimkien il-fidi tiegħu mal-predikazzjoni tal-Vanġelu. Jgħid li fih isseħħ is-silta tal-Iskrittura: "Emmint, u għalhekk tkellimt" (2 Kor 4: 13). L-Appostlu jalludi għal espressjoni tas-Salm 116, li fih is-Salmista jgħid: "Bqajt nemmen imqar meta għidt: 'Jiena mdejjaq ħafna'" (v. 10). It-taħdit dwar il-fidi sikwit iġib miegħu wkoll taħdit dwar tiġrib li jweġġa', iżda hu sewwasew f'dan li San Pawl jara t-tħabbir l-aktar konvinċenti tal-Evanġelju, għaliex hu fid-dgħufija u fit-tbatija li toħroġ u tinkixef il-qawwa ta' Alla li tegħleb id-dgħufija u t-tbatija tagħna. L-Appostlu nnifsu jinsab f'qagħda tal-mewt, li ssir ħajja għall-Insara (ara 2 Kor 4: 7-12). Fis-siegħa tat-tiġrib, il-fidi ddawwalna, u sewwasew fit-tbatija u d-dgħufija tagħna naraw ċar kif "aħna 'l Ġesù l-Mulej qegħdin inxandru, u mhux lilna nfusna" (2 Kor 4: 5). Il-kapitlu 11 tal-Ittra lil-Lhud jagħlaq b'referenza għal dawk li batew għall-fidi (ara Lhud 11: 35-38), li fosthom jokkupa post partikulari Mosè, li ħa fuqu t-tmaqdir li sar lil Kristu (ara

[48] "Choruses from *The Rock*" f'*The Collected Poems and Plays* 1909-1950, New York 1980, 106.

v. 26). In-Nisrani jaf li t-tbatija ma tistax titneħħa, iżda tista' tingħata tifsira, tista' ssir att ta' mħabba, telqien f'idejn Alla li ma jħalliniex, u b'dan il-mod, issir pass fit-tkattir tal-fidi u tal-imħabba. Huwa u jikkuntemplaw l-għaqda ta' Kristu mal-Missier, saħansitra waqt it-tbatija l-aktar ħarxa fuq is-salib (ara Mk 15: 34), in-Nisrani jitgħallem jieħu sehem fil-ħarsa nfisha ta' Ġesù. Saħansitra l-mewt tidher imdawla u tista' tingħax bħala l-aħħar sejħa tal-fidi, l-aħħar "Qum u itlaq minn artek" (Ġen 12: 1), l-aħħar "Ejja!" li jlissen il-Missier, li lilu ningħataw bil-fiduċja li hu jqawwina anki fil-pass definittiv tal-aħħar.

**57.** Id-dawl tal-fidi ma jnessiniex it-tbatijiet tad-dinja. Għal kemm irġiel u nisa tal-fidi dawk li jbatu kienu medjaturi ta' dawl! Hekk għal San Franġisk ta' Assisi kien l-imġiddem, jew għal Beata Tereża ta' Kolkata l-foqra tagħha. Huma fehmu l-misteru li jinsab fihom. Meta qorbu lejhom, żgur li ma ħassrux it-tbatijiet kollha tagħhom, lanqas ma setgħu jfissru kull ħażen. Il-fidi mhijiex dawl li jkeċċi d-dlamijiet kollha tagħna, iżda musbieħ li billejl imexxi l-passi tagħna, u dan hu biżżejjed għall-mixi. Lill-bniedem li jbati, Alla ma jagħtihx raġunament li jfisser kollox, iżda jagħti t-tweġiba tiegħu f'għamla ta' preżenza li ssieħeb, ta' storja ta' ġid li jingħaqad ma' kull storja ta' tbatija biex fiha jiftaħ triq ta' dawl. Fi Kristu, Alla nnifsu ried jaqsam magħna din it-triq u joffrilna ħarstu biex fiha naraw id-dawl. Kristu huwa dak, li filwaqt li tgħabba bin-niket, "minnu tibda u fih tintemm il-fidi tagħna" (Lhud 12: 2).

It-tbatija tfakkarna li l-qadi tal-fidi b'risq il-ġid komuni hu dejjem qadi ta' tama, li tħares 'il quddiem, għax taf li biss minn Alla, mill-ġejjieni li jiġi minn Ġesù rxoxt, is-soċjetà tagħna tista' ssib sisien sodi li jibqgħu. F'dan is-sens, il-fidi tissieħeb mat-tama, għax anki jekk l-għamara tagħna hawn isfel tinsab riesqa lejn it-tmiem, hemm għamara eterna li Alla diġà ħejja fi Kristu, f'ġismu (ara 2 Kor 4: 16 - 5: 5). Id-dinamiżmu tal-fidi, tama u mħabba (ara 1 Tes 1: 3; 1 Kor 13: 13) iġagħalna nħaddnu l-inkwiet tal-bnedmin kollha, fil-mixja tagħna lejn dik il-belt, "li l-imgħallem u l-bennej tagħha huwa Alla" (Lhud 11: 10), għax "it-tama ma tqarraqx bina" (Rum 5: 5).

F'għaqda mal-fidi u l-imħabba, it-tama ġġagħalna nħarsu lejn ġejjieni ċert, li jitqiegħed f'perspettiva differenti minn dik tal-proposti qarrieqa tal-idoli tad-dinja; iżda din it-tama tagħti ħeġġa ġdida u qawwa ġdida lill-ħajja ta' kuljum. Ma nħallux lil min jisirqilna t-tama, ma nħalluhiex tixxejjen b'soluzzjonijiet u proposti ta' malajr li jwaqqfuna fil-mixja, li "jfarrku" ż-żmien, filwaqt li jbiddluh fi spazju. Iż-żmien hu dejjem aqwa mill-ispazju. L-ispazju ifixkel il-proċessi, iż-żmien jipproġettahom lejn il-ġejjieni u jixprunana biex nimxu bit-tama.

## Hienja dik li emmnet (Lq 1: 45)

**58.** Fil-parabbola taż-żerriegħ, San Luqa jġib dawn il-kelmiet li bihom Ġesù jagħti t-tifsira ta' "art tajba": "Huma dawk li jisimgħu l-kelma b'qalb tajba u sinċiera, jgħożżuha, u

jagħmlu l-frott billi jżommu sħiħ" (Lq 8: 15). Fil-kuntest tal-Vanġelu ta' Luqa, il-qalb tajba u sinċiera, b'referenza għall-kelma mismugħa u mħarsa, tagħti ritratt impliċitu tal-fidi tal-Verġni Marija. L-istess Evanġelista jkellimna dwar il-memorja ta' Marija, dwar kif kienet tgħożż f'qalbha dak kollu li kienet tisma' u tara, b'mod li l-kelma tagħti l-frott f'ħajjitha. Omm il-Mulej hija ikona perfetta tal-fidi, kif tgħid Santa Elizabetta: "Hienja dik li emmnet" (Lq 1: 45).

F'Marija, Bint Sijon, seħħet l-istorja twila ta' fidi tat-Testment il-Qadim, bir-rakkont ta' bosta nisa fidili, ibda minn Sara, nisa, li maġenb il-Patrijarki, kienu l-post li fih twettqet il-wegħda ta' Alla, u nibtet il-ħajja l-ġdida. Fil-milja taż-żminijiet, il-kelma ta' Alla kienet indirizzata lil Marija, u hi laqgħetha bl-esseri (kewn) tagħha kollu, f'qalbha, biex fiha jieħu ġisem u jitwieled bħal dawl għall-bnedmin. San Ġustinu Martri, fid-*Djalogu ma' Trifone*, għandu espressjoni li fiha jgħid li Marija, hi u tilqa' l-messaġġ tal-Anġlu, nisslet "fidi u hena".[49] F'Omm Ġesù, infatti, il-fidi dehret mimlija bil-frott, u meta l-ħajja spiritwali tagħna tagħti l-frott, aħna nimtlew bl-hena, li hu l-aktar sinjal ċar tal-kobor tal-fidi. F'ħajjitha, Marija għamlet il-pellegrinaġġ tal-fidi, u mxiet wara Binha.[50] Hekk, f'Marija, il-mixja ta' fidi tat-Testment il-Qadim ingħaqdet mal-mixja wara Ġesù, u hi ħallietu jbiddilha fih, filwaqt li daħlet fil-ħarsa propja tal-Iben ta' Alla magħmul bniedem.

**59.** Nistgħu ngħidu li fil-Verġni Mqaddsa Marija jseħħ dak li qabel jiena sħaqt fuqu, jiġifieri li min jemmen hu mdaħħal bis-sħiħ fl-istqarrija tiegħu tal-fidi. Marija, minħabba r-rabta tagħha ma' Ġesù, hija marbuta sfiq ma' dak li nemmnu. Bħala Verġni u Omm, Marija għandna sinjal ċar tal-filjazzjoni divina ta' Kristu. L-oriġni etern ta' Kristu hu fil-Missier, huwa l-Iben f'sens sħiħ u uniku; u għalhekk hu jitwieled fiż-żmien mingħajr indħil ta' raġel. Billi hu Iben, Ġesù jista' jġib fid-dinja bidu ġdid u dawl ġdid, il-milja tal-imħabba fidila ta' Alla li tingħata lill-bnedmin. Min-naħa l-oħra, il-maternità vera ta' Marija assigurat għall-Iben ta' Alla storja umana vera, ġisem veru li fih hu jmut fuq is-salib u jqum mill-imwiet. Marija ssieħbu sas-salib (ara Ġw 19: 25), minn fejn il-maternità tagħha tixtered fuq kull dixxiplu ta' Binha (ara Ġw 19: 26-27). Hi tinsab preżenti wkoll fiċ-ċenaklu, wara l-Qawmien u t-Tlugħ ta' Ġesù fis-sema, biex titlob mal-Appostli d-don tal-Ispirtu s-Santu (ara Atti 1: 14). Il-ħajja ta' mħabba bejn il-Missier u l-Iben fl-Ispirtu s-Santu minsuġa mal-istorja tagħna; Kristu jiġbidna lejh biex isalvana (ara Ġw 12: 32). Fiċ-ċentru tal-fidi tinsab l-istqarrija ta' Ġesù, l-Iben ta' Alla, imwieled minn mara, li bid-don tal-Ispirtu s-Santu, jagħmilna wlied adottivi (ara Gal 4: 4-6).

**60.** Lejn Marija, omm il-Knisja u omm il-fidi tagħna, aħna nduru fit-talb.

---

[49] Ara *Dialogus cum Tryphone Iudaeo*, 100, 5: *PG* 6, 710.
[50] Ara Konċ. Ekum. Vat. II, Kost. Dogm. Fiq il-Knisja *Lumen gentium*, 58.

Għin, ja Omm, il-fidi tagħna!

Iftħilna s-smigħ tagħna għall-Kelma, biex nagħrfu l-leħen ta' Alla u s-sejħa tiegħu.

Qajjem fina x-xewqa li nimxu warajh, aħna u ħerġin minn artna u nilqgħu l-wegħda tiegħu.

Għinna biex inħallu mħabbtu tmissna, biex inkunu nistgħu mmissuh bil-fidi.

Għinna nafdaw fih bis-sħiħ, nemmnu f'imħabbtu, fuq kollox fil-waqtiet tat-tribulazzjoni u s-salib, meta l-fidi tagħna tissejjaħ biex timmatura.

Iżra' fil-fidi tagħna l-hena tal-Irxoxt.

Fakkarna li min jemmen qatt mhu waħdu.

Għallimna nħarsu b'għajnejn Ġesù, biex hu jkun dawl fil-mixja tagħna. U dan id-dawl tal-fidi ħa jikber dejjem fina, sa ma jasal dak il-jum bla tmiem, li hu l-istess Kristu, Ibnek, Sidna!

Mogħti f'Ruma, f'San Pietru, fid-29 ta' Ġunju, solennità tal-Appostli Qaddisin Pietru u Pawlu, tas-sena 2013, l-ewwel sena tal-pontifikat.

Franciscus

# WERREJ

ID-DAWL TAL-FIDI [1]
Dawl qarrieq? [2-3]
Dawl li jrid jerġa' jinkixef [4-7]

L-EWWEL KAPITLU
**AĦNA EMMINNA FL-IMĦABBA**
**(ara 1Ġw 4: 16)**

Abraham, missierna fil-fidi [8-11]
Il-fidi ta' Israel [12-14]
Il-milja tal-fidi Nisranija [15-18]
Is-salvazzjoni bil-fidi [19-21]
Il-forma ekkleżjali tal-fidi [22]

IT-TIENI KAPITLU
**JEKK MA TEMMNUX, MA TIFHMUX**
**(ara Is 7: 9)**

Fidi u verità [23-25]
Għarfien tal-verità u mħabba [26-28]
Il-fidi bħala smigħ u viżjoni [29-31]
Id-djalogu bejn fidi u raġuni [32-34]
Il-fidi u t-tiftix ta' Alla [35]
Fidi u teoloġija [36]

IT-TIELET KAPITLU
**INXANDRILKOM DAK LI RĊEVEJT JIEN**
**(ara 1Kor 15: 3)**

Il-Knisja, omm il-fidi tagħna [37-39]
Is-Sagramenti u t-trasmissjoni tal-fidi [40-45]
Fidi, talb u Dekalogu [46]
L-unità u l-integrità tal-fidi [47-49]

IR-RABA' KAPITLU
**ALLA JĦEJJI BELT GĦALIHOM**
**(ara Lhud 11: 16)**

Il-fidi u l-ġid komuni [50-51]
Il-fidi u l-familja [52-53]
Dawl għall-ħajja fis-soċjetà [54-55]
Qawwa li tfarraġ fit-tbatija [56-57]
Hienja dik li emmnet (Lq 1: 45) [58-60]